Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 6 ta' Settembru 2019**
**(OR. en)**

**11988/19**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2019/0192(COD)**

**ECOFIN 780**
**RELEX 807**
**MED 16**
**CODEC 1361**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 6 ta' Settembru 2019 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2019) 411 final |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li tipprevedi aktar assistenza makrofinanzjarja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 411 final.

---

Mehmuż: COM(2019) 411 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.9.2019
COM(2019) 411 final

2019/0192 (COD)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li tipprevedi aktar assistenza makrofinanzjarja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan

{SWD(2019) 324 final}

MT MT

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

**F'dawn l-aħħar snin, l-ekonomija Ġordanjana ġiet affettwata b'mod sinifikanti minn inkwiet reġjonali, b'mod partikolari fil-pajjiżi ġirien tal-Iraq u s-Sirja.** Dan l-inkwiet reġjonali ħalla impatt qawwi fuq id-dħul estern u dgħajjef il-finanzi pubbliċi. Anqas turiżmu u anqas influssi ta' investiment dirett barrani (IDB), rotot tal-kummerċ imblukkati għal tmien snin u qtugħ ripetut fil-fluss tal-gass naturali mill-Eġittu, li wassal biex il-Ġordan jissostitwixxi l-importazzjonijiet tal-gass mill-Eġittu bi fjuwils aktar għaljin għall-ġenerazzjoni tal-elettriku, poġġew piż fuq it-tkabbir u kienu ta' piż fuq il-pożizzjoni esterna u fiskali tal-Ġordan.

Il-konflitt Sirjan kellu impatt fuq il-Ġordan, mhux biss billi fixkel il-kummerċ ma' u permezz tas-Sirja iżda wkoll billi kkawża influss ta' madwar 1,3 miljun Sirjan rifuġjat (skont stimi mill-awtoritajiet Ġordanjani), li 660 330 minnhom huma rreġistrati mal-uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati — UNHCR (*data* tal-4 ta' Awwissu 2019). Dan l-influss kbir ta' refuġjati Sirjani lejn il-Ġordan żied il-pressjoni fuq il-pożizzjoni fiskali, is-servizzi pubbliċi u l-infrastruttura tal-Ġordan.

**Rispons ta' politika ġeneralment xieraq u appoġġ internazzjonali fuq skala kbira għenu lill-pajjiż biex jippreserva l-istabbiltà makroekonomika u impedixxa lill-ekonomika milli tiċkien. Madankollu, l-ekonomija tal-Ġordan għadha vulnerabbli għax-xokkijiet esterni.** It-tkabbir reali naqas għal 1,9 % fl-2018, l-aktar rata baxxa mill-1996. Il-qgħad żdied għal 19 % fil-bidu tal-2019 filwaqt li l-IDB naqas drastikament. Minkejja l-isforzi, il-konsolidazzjoni fiskali ma kinitx sostnuta bil-pass inizjalment ipprogrammat, minħabba tkabbir aktar baxx milli mistenni, li dgħajjef id-dħul mit-taxxa, u l-ġenerazzjoni ta' telf mill-kumpanija tal-elettriku fin-nuqqas ta' tariffi li jirriflettu l-ispejjeż. Id-dejn pubbliku bilkemm naqas u l-Ġordan għadu dipendenti fuq l-għajnuna barranija. Fil-fatt, il-Ġordan għadu qed jiffaċċja ħtiġijiet konsiderevoli ta' finanzjament estern inklużi obbligi ta' pagament fuq il-Eurobonds u self ieħor mis-suq estern li jsiru dovuti fl-2020-22. **F'dan il-kuntest, l-appoġġ kontinwu mis-sħab internazzjonali tal-Ġordan jibqa' essenzjali.**

F'Awwissu 2016, il-Ġordan u l-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) qablu dwar Faċilità ta' Fond Estiża (150 % tal-kwota) ta' USD 723 miljun fuq tliet snin li reċentement ġiet estiża sa Marzu 2020. Dan il-programm segwa Arranġament ta' Riżerva ta' tliet snin (Stand-By Arrangement - SBA) bl-ammont ta' USD 2 biljun (800 % tal-kwota) li ntlaħaq qbil dwaru f'Awwissu 2012 u li tlesta f'Awwissu 2015. Il-programmi tal-FMI ġew ikkumplimentati b'żewġ programmi ta' Assistenza Makrofinanzjarja (Macro-Financial Assistance - MFA): l-MFA-I, b'ammont ta' EUR 180 miljun f'self, li ġie adottat mill-koleġiżlaturi f'Diċembru 2013 u li spiċċa f'Ottubru 2015; u l-MFA-II, għal ammont ta' EUR 200 miljun f'self, li ġie adottat mill-koleġiżlaturi f'Diċembru 2016, u li tlesta f'Lulju 2019.

Il-programmi tal-MFA kienu **parti minn sforz usa' mill-UE u minn donaturi internazzjonali oħra**, maqbula fil-konferenza ta' Londra "Supporting Syria and the region" f'Frar 2016, biex jgħin lill-Ġordan u lil pajjiżi oħra fir-reġjun jimmitigaw l-impatt ekonomiku u soċjali li jirriżulta mill-konflitti reġjonali u mill-preżenza ta' għadd kbir ta' refuġjati Sirjani. L-impenn internazzjonali lejn il-Ġordan ġie kkonfermat f'diversi okkażjonijiet sussegwenti, b'mod partikolari waqt il-Konferenza ta' Brussell dwar "Supporting the Future of Syria" f'April 2017, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Ġordan f'Lulju 2017 u l-Konferenza Brussell-II

dwar “Supporting the Future of Syria” f’April 2018. Fil-Konferenza “London Initiative”, li saret f’Frar 2019, u fil-Konferenza Brussell-III li saret f’Marzu 2019, il-komunità internazzjonali u reġjonali tad-donaturi, inkluża l-UE, ikkonfermat mill-ġdid l-intenzjonijiet tagħha li tappoġġja l-isforzi tal-Ġordan biex jippreserva l-istabbiltà makroekonomika u jtejjeb il-prospetti ta’ tkabbir.

**Fl-11 ta’ Lulju 2019, il-Ġordan għamel talba uffiċjali lill-Kummissjoni Ewropea għal assistenza makrofinanzjarja addizzjonali mill-UE** fl-ammont ta’ EUR 500 miljun fi tliet pagamenti, kif antiċipat waqt il-Kunsill ta’ Assoċjazzjoni UE-Ġordan li sar fil-Lussemburgu fit-26 ta’ Ġunju 2019. L-assistenza tikkontribwixxi biex tkopri l-ħtiġijiet tal-finanzjament esterni tal-pajjiż u tappoġġja l-implimentazzjoni tar-riforma.

Fid-dawl ta’ din it-talba u tas-sitwazzjoni ekonomika fil-Ġordan Ukrajna, b’mod partikolari l-ħolqien ta’ ħtiġijiet addizzjonali ta’ finanzjament estern, **il-Kummissjoni Ewropea qed tressaq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta biex tipprovdi aktar assistenza makrofinanzjarja (MFA) lill-Ġordan**, abbażi tal-Artikolu 212 tat-TFUE, **għal ammont sa EUR 500 miljun li tiġi pprovduta fil-forma ta’ self fuq terminu medju sa terminu twil f’żewġ pagamenti**.

**L-objettiv tal-MFA proposta huwa li l-Ġordan jiġi megħjun biex ikopri parti mill-ħtiġijiet finanzjarji esterni addizzjonali tiegħhu ta’ bejn l-2020 u l-2021**, li jnaqqas il-bilanċ tal-pagament fuq terminu qasir tal-ekonomija kif ukoll il-vulnerabbiltajiet fiskali, u li tikkontribwixxi għas-sostennibbiltà tad-dejn. Barra minn hekk, l-assistenza tal-UE **tipprovdi inċentivi biex jiżdiedu l-isforzi tar-riforma tal-Ġordan** permezz ta’ Memorandum ta’ Qbil li jrid jiġi mifthiehem mal-awtoriajiet Ġordniżi, li jistabbilixxi pakkett adegwat ta’ miżuri li jappoġġjaw l-aġġustament ekonomiku u r-riformi strutturali. Dawn il-kundizzjonijiet ta’ politika jkunu konformi mal-impenji ta’ riforma meħuda mill-Ġordan fil-kuntest tal-Prijoritajiet tas-Sħubija bejn l-UE u l-Ġordan u strumenti oħra ta’ appoġġ tal-UE, kif ukoll il-programmi ta’ aġġustament maqbula mal-FMI u mal-Bank Dinji, u l-Matriċi ta’ Riforma u Tkabbir ta’ Ħames Snin ippreżentati fil-konferenza “London Initiative” f’Frar 2019.

Kif elaborat ulterjorment fid-Dokument ta’ Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja din il-proposta, u abbażi, fost l-oħrajn, tal-valutazzjoni tas-sitwazzjoni politika magħmula b’mod konġunt mill-Kummissjoni u mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), **il-Kummissjoni tqis li l-eżistenza ta’ lakuna fil-finanzjament estern fil-Ġordan, flimkien mal-kooperazzjoni tal-pajjiż mal-FMI taħt programm ta’ żborżament, tiġġustifika operazzjoni tal-MFA mill-perspettiva ekonomika, u li l-prekundizzjonijiet politiċi għall-operazzjoni tal-MFA proposta huwa ssodisfati.**

Kuntest ġenerali

**L-ekonomija tal-Ġordan kienet partikolarment affettwata mill-kunflitt fis-Sirja, li faqqa’ fl-2011.** Wara perjodu ta’ tkabbir qawwi b’medja ta’ 6,2 % matul l-2001-2010, it-tkabbir tal-PDG tal-Ġordan iddeċellera għal medja ta’ 2,4% fl-2011-2018. Filwaqt li t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku jirrifletti d-dgħufijiet makroekonomiċi u strutturali li ilhom jeżistu fil-Ġordan, dan it-tnaqqis kien fil-biċċa l-kbira mbuttat minn sensiela ta’ xokkijiet esterni inkluż it-tfixkil ta’ rotot u ta’ swieq kruċjali tal-esportazzjoni mill-kunflitti reġjonali fit-tul, it-tnaqqis qawwi fl-IDB, l-ospitar ta’ għadd kbir ta’ refuġjati Sirjani (1,3 miljun skont l-istimi tal-awtoritajiet Ġordanjani li minnhom 660,330 huma rreġistrati mal-UNHCR) u ż-żieda fil-prezzijiet taż-żejt u tal-kostijiet tas-self li jirriflettu ż-żieda fir-rati tal-Fed.

**Id-dgħufija tal-attività ekonomika kompliet fl-2018**, hekk kif it-tkabbir reali tal-PDG naqas għal 1,9 % fl-2018 (minn 2,1 % fl-2017) li jimmarka l-aktar rata baxxa ta' espansjoni mill-1996. B'mod pożittiv, l-influssi turistiċi u tal-esportazzjonijiet irkupraw xi ftit u żewġ punt tal-qsim tal-fruntieri mal-Iraq u mas-Sirja reġgħu nfetħu fl-2018. Fl-aħħar tliet xhur tal-2018, reġgħu bdew ukoll l-importazzjonijiet tal-gass bi prezz baxx mill-Eġittu. Madankollu, dawn l-iżviluppi għad iridu jittraduċu ruħhom f'ċifri ta' tkabbir: fl-ewwel kwart tal-2019, il-PDG reali żdied b'2 %, essenzjalment baqa' l-istess meta mqabbel mal-pass tas-snin reċenti.

F'dan l-isfond, il-**qgħad żdied** għal 19 % fl-ewwel kwart tal-2019 minn 18,4 % fis-sena ta' qabel, u dan jimmarka xejra sinifikanti 'l fuq mill-2014, meta l-qgħad kien ta' 12,9 %. Il-qgħad fost iż-żgħażagħ (38,5 %) u n-nisa (28,9 %) għadu għoli meta mqabbel mal-qgħad fost l-irġiel (16,4 %).

L-inflazzjoni telgħet għal 4,5 % fl-2018 (minn 3,3 % fi tmiem l-2017) li tirrifletti ż-żieda fil-prezzijiet taż-żejt matul il-biċċa l-kbira tal-2018 u ż-żieda fit-Taxxa Ġenerali fuq il-Bejgħ fuq diversi prodotti bażiċi li daħlet fis-seħħ f'Jannar. Madankollu, **fl-ewwel erba' xhur tal-2019 l-inflazzjoni mmoderat** għal 0,6 % hekk kif l-effett taż-żidiet fit-taxxa xxejjen. Il-Bank Ċentrali tal-Ġordan żied ir-rata ta' skont mill-ġdid f'seba' passi minn 3,75 % għal 5,75 % bejn Frar 2017 u Diċembru 2018. Dan jirrifletti b'mod wiesa' ż-żieda fir-rata tal-Fed, fid-dawl tar-rabta tad-Dinar Ġordanjan mad-dollaru Amerikan. Iċ-ċiklu ta' ssikkar ħabat ma' żieda gradwali iżda moderata fl-inflazzjoni, kif imsemmi qabel. F'Ġunju 2019, ir-rata ta' tnaqqis mill-ġdid baqgħet l-istess (5,75 %) hekk kif l-inflazzjoni naqset u l-pressjonijiet tal-kambju, li baqgħu jippersistu fl-2018, naqsu. Madankollu, fil-kuntest tat-tieni rieżami tal-programm tal-FMI, l-awtoritajiet esprimew ir-rieda tagħhom li jissikkaw il-politika monetarja, jekk meħtieġ, biex jiżguraw li jintlaħqu l-miri tar-riżerva.

**Il-Ġordan għamel progress sinifikanti fil-konsolidazzjoni tal-finanzi pubbliċi tiegħu f'dawn l-aħħar snin, iżda minħabba l-profil dgħajjef tat-tkabbir u n-nuqqas ta' progress fl-indirizzar tat-telf tal-fornituri pubbliċi tal-elettriku u tal-provvista tal-ilma, dan il-progress ma setax jiġi sostnut fl-2018.** Id-defiċit fiskali kumplessiv (inklużi l-għotjiet) żdied għal 3,3 % tal-PDG fl-2018 minn 2,2 % tal-PDG fl-2017. Id-defiċit tas-settur pubbliku kombinat — kejl fiskali li jqis il-bilanċ tan-NEPCO (il-fornitur pubbliku tal-elettriku) u tal-WAJ (l-Awtorità tal-Ilma tal-Ġordan) tela' għal 4,3 % tal-PDG fl-2018 minn 2,9 % tal-PDG fl-2017, li jirrifletti ż-żieda fil-kost taż-żejt flimkien mal-fatt li t-tariffi ma jirriflettux il-kostijiet fis-setturi tal-elettriku u tal-ilma, ħaġa li tinkoraġġixxi l-konsum żejjed. Għall-2019, il-programm tal-FMI jipprevedi t-tnaqqis tad-defiċit fiskali u tad-defiċit tas-settur pubbliku kombinat għal 2,3 % u 2,6 % rispettivament. Fl-ewwel erba' xhur tal-2019 id-defiċit fiskali naqas għal 3 % tal-PDG minn 3,8 % tal-PDG sena wara sena. Madankollu, id-dħul mit-taxxa naqas bi 1,4 % sena wara sena u dan iqajjem tħassib dwar l-eżekuzzjoni tal-baġit sa tmiem l-2019.

Fl-aħħar ta' Marzu 2019, id-dejn pubbliku gross totali kien ta' 94,4 % tal-PDG, li prattikament baqa' l-istess kif kien fi tmiem l-2018. Id-dejn pubbliku estern kien ilaħħaq 39,4 % tal-PDG u 72 % minnu kien denominat f'USD, li d-Dinar tal-Ġordanjan huwa marbut miegħu. **Filwaqt li l-livell għoli ta' dejn pubbliku huwa sors ta' vulnerabbiltà, il-FMI jiġġudika li huwa sostenibbli** dment li l-pajjiż ikompli jwettaq l-aġġustament fiskali u r-riformi li jsaħħu t-tkabbir u li l-komunità internazzjonali u reġjonali tad-donaturi tkompli tipprovdi appoġġ sinifikanti lill-Ġordan, b'mod partikolari fil-forma ta' għotjiet u finanzjament konċessjonali.

Fir-rigward tas-settur estern, **id-defiċit fil-kont kurrenti tal-Ġordan naqas** fl-2018 għal USD 2,9 biljun jew 7 % tal-PDG (10,3 % esklużi l-għotjiet) minn 10,5 % tal-PDG fl-istess perjodu fl-2017. Dan kien jirrifletti żieda moderata fl-esportazzjonijiet tal-prodotti (li żdiedu b'3,4 % f'termini ta' valur), filwaqt li l-importazzjonijiet tal-prodotti naqsu (b'1,3 % f'termini ta' valur). Fl-ewwel kwart tal-2019, l-esportazzjonijiet tal-prodotti kellhom prestazzjoni saħansitra aktar qawwija, u rreġistraw żieda ta' 9,3 % f'termini ta' valur, filwaqt li l-importazzjonijiet tal-prodotti naqsu b'3,2 % f'termini ta' valur. Fl-istess perjodu, id-dħul mit-turiżmu żdied b'6,1 % sena wara sena filwaqt li r-rimessi żdiedu biss b'mod marġinali.

**L-investimenti diretti barranin (IDB) waqgħu** għal USD 959 miljun fl-2018 (2,2 % tal-PDG), tnaqqis ta' 52 % f'termini ta' dollaru Amerikan meta mqabbel mal-2017. Dan kien l-influss nett tal-IDB l-aktar baxx mill-2003 'l hawn. Din ix-xejra 'l isfel hija konsistenti mal-fatt li l-IDB ilu żmien jiddgħajjef (bħala sehem mill-PDG) minn meta beda l-kunflitt Sirjan: minn medja ta' 12,7 % fl-2005-2010 għal 4,5 % fl-2011-2018. Il-kunflitt reġjonali, li bblokka r-rotot tal-kummerċ għal tmien snin, it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku fil-pajjiżi tal-Golf, li huwa fejn jinsabu l-investituri ewlenin tal-Ġordan, iżda wkoll id-dgħjufijiet strutturali tal-pajjiż, bħalma huma s-swieq riġidi tax-xogħol, ir-restrizzjonijiet fuq l-investituri barranin u l-ispejjeż għoljin tan-negozju, ikkontribwew għat-tnaqqis fl-influssi tal-IDB.

**It-tnaqqis fl-IDB ħoloq aktar pressjonijiet fuq il-kont kapitali u finanzjarju** , kif għamel ukoll it-tnaqqis fis-self pubbliku minn madwar USD 1 biljun fl-2017 għal inqas minn USD 500 miljun fl-2018. Dawn il-pressjonijiet ikkontribwew għal tnaqqis imdaqqas tal-assi barranin netti tal-banek kummerċjali (b'madwar USD 900 miljun) fl-2018, parzjalment ikkawżati minn politika monetarja aktar stretta fil-pajjiżi ġirien u mill-instabbiltà politika fil-Ġordan f'nofs l-2018 (meta l-ex Prim Ministru Mulki rriżenja b'reazzjoni għall-iskuntentizza pubblika, b'mod partikolari dwar il-pjanijiet tar-riforma tat-taxxa). Min-naħa l-oħra, influss nett żgħir ta' USD 41 miljun f'investimenti fil-portafolli privati fl-2018 (meta mqabbel ma' fluss kbir ta' ħruġ fl-2017), kif ukoll żieda konsiderevoli ta' madwar USD 600 miljun f'investimenti oħra appoġġaw il-kont kapitali u finanzjarju fl-2018.

**Il-livell attwali ta' riżervi** — li kien ta' USD 13,2 biljun (jew 7,1 xhur ta' importazzjonijiet) fl-aħħar ta' April 2019 — **għandu jiżdied** biex il-pajjiż isir aktar reżiljenti għall-fatturi msemmija hawn fuq. Dan huwa partikolarment importanti minħabba l-vulnerabbiltà tal-pożizzjoni esterna, ir-riskji kbar mill-kunflitti reġjonali jew mit-tensjonijiet ġeopolitiċi, ir-rabta tar-rata tal-kambju u l-iskopertura għax-xokkijiet fil-prezzijiet taż-żejt.

Minkejja l-iżviluppi favorevoli fl-esportazzjonijiet u fit-turiżmu, **għad fadal għadd ta' vulnerabbiltajiet makroekonomiċi**. Il-pajjiż għadu qed jopera f'**ambjent ekonomiku diffiċli** milqut mill-kunflitt reġjonali fit-tul, mill-ospitar tar-refuġjati Sirjani, mill-interruzzjoni jew mill-irkupru bil-mod tas-swieq kritiċi tal-esportazzjoni u mill-waqgħa qawwija fl-IDB. B'riżultat ta' dan, it-tkabbir ekonomiku baqa' f'livelli baxxi ħafna, insuffiċjenti biex jitnaqqas il-qgħad għoli. Kif ġara fl-2018, il-**pass tal-aġġustament fiskali futur jista' jkun aktar baxx milli previst** jekk it-tkabbir jiddgħajjef aktar u l-Ġordan jonqos milli jimmobilizza dħul mit-taxxa permezz tal-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa u billi jżid il-kapaċità tal-amministrazzjoni tat-taxxa. L-istess jista' jiġri jekk il-Ġordan ma jagħmilx b'mod effettiv ir-ristrutturar tal-**kumpaniji tal-Istat li qed jagħmlu telf (dawk tal-elettriku u tal-ilma)**, li jżidu mad-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika. Minbarra r-riskji msemmija hawn fuq, il-kostijiet tas-self tal-Eurobonds huma ogħla meta mqabbla mal-kost tal-Eurobonds tal-Ġordan li se jimmaturaw fis-snin li ġejjin (li ħafna minnhom kienu ggarantiti mill-Istati Uniti), u dan irendi **għali t-tiġdid tal-bonds** . Għar-raġunijiet ta' hawn fuq, il-projezzjoni attwali għat-tnaqqis tad-dejn pubbliku għal 83,7 % sal-2024 tibqa' fraġli u tiddependi fuq is-suċċess tal-

aġġustament fiskali u tar-riformi li jsaħħu t-tkabbir li l-awtoritajiet impenjaw ruħhom li jagħmlu, kif ukoll fuq l-abbiltà tagħhom li jkomplu jattiraw donaturi mdaqqsa u finanzjament mis-suq. **Ir-riżervi għadhom taħt l-istandards ta' adegwatezza tal-FMI** u jistgħu jerġgħu jiġu taħt aktar pressjoni bejn l-2020 u l-2021, meta l-pajjiż huwa mistenni li jagħmel madwar USD 3,1 biljun f'pagamenti (imgħax u prinċipal) fuq id-dejn estern sovran u fuq l-Eurobonds. F'dan il-kuntest jidher li huwa meħtieġ riforniment addizzjonali tar-riżervi internazzjonali tal-Ġordan, u l-MFA addizzjonali tal-UE tista' tappoġġja b'mod utli dan l-isforz, kemm direttament (permezz tal-iżborżi tagħha) kif ukoll indirettament (bħala katalist għall-influssi ta' kapital privat u billi joħloq kunfidenza fil-munita lokali).

**Bħala konklużjoni, l-ekonomija tal-Ġordan għadha fraġli bi ħtiġijiet finanzjarji esterni sostanzjali u skoperta għal għadd ta' vulnerabbiltajiet. F'dan il-kuntest, l-appoġġ kontinwu mill-FMI u mis-sħab internazzjonali tal-Ġordan, fosthom l-UE, jibqa' essenzjali.**

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-MFA ngħatat lill-Ġordan skont żewġ deċiżjonijiet separati:

– Deċiżjoni Nru 1351/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan[1]

– Deċiżjoni (UE) 2371/2016 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 li tipprevedi assistenza makrofinanzjarja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan[2]

Billi dawn iż-żewġ operazzjonijiet ġew żborżati kompletament, hija meħtieġa Deċiżjoni ġdida qabel ma jkun jista' jitkompla l-appoġġ tal-MFA mill-UE lill-Ġordan.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-MFA proposta hija konsistenti mal-impenn tal-UE li tappoġġja s-sitwazzjoni ekonomika u politika tal-Ġordan. Din hija konsistenti mal-prinċipji li jirregolaw l-użu tal-istrument tal-MFA, inkluż il-karatteristiċi eċċezzjonali tiegħu, il-prekundizzjonijiet politiċi, il-komplimentarità, il-kundizzjonalità u d-dixxiplina finanzjarja.

L-MFA proposta hija konformi mal-objettivi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV). Hija tikkontribwixxi biex tappoġġja l-objettivi tal-Unjoni Ewropea ta' stabbiltà u żvilupp ekonomiku fil-Ġordan u b'mod aktar ġenerali, reżiljenza fil-viċinat tan-Nofsinhar tal-Ewropa. Billi tappoġġa l-isforzi tal-awtoritajiet biex jistabbilixxu qafas makroekonomiku stabbli u jimplimentaw riformi strutturali ambizzjużi, l-operazzjoni proposta ssaħħaħ il-valur miżjud tal-involviment kumplessiv tal-UE fil-Ġordan. Ittejjeb ukoll l-effikaċja ta' forom oħra ta' assistenza finanzjarja mill-UE lill-pajjiż — inklużi operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju u għotjiet disponibbli permezz ta' strumenti finanzjarji esterni taħt il-qafas finanzjarju pluriennali attwali għall-2014–2020. L-MFA proposta se tkun ukoll parti integrali mill-appoġġ internazzjonali kumplessiv għall-Ġordan, inkluż reazzjoni għall-kriżi Sirjana, u se tkompli tikkumplimenta l-assistenza pprovduta minn donaturi multilaterali u bilaterali oħrajn.

Il-Ġordan huwa sieħeb ewlieni tal-UE minħabba r-rwol importanti tiegħu fil-promozzjoni tal-istabbiltà u tat-tolleranza bejn ir-reliġjonijiet fil-Lvant Nofsani iżda wkoll minħabba l-

[1] ĠU L 341, 18.12.2013, p. 4-9
[2] ĠU L 352, 23.12.2016, p. 18–25.

ospitalità li qed ikompli jipprovdi lil 1,3 miljun Sirjan (li 660 330 minnhom huma rreġistrati mal-UNHCR). L-UE u l-Ġordan għandhom sħubija b'saħħitha f'ħafna setturi u ntrabtu permezz ta' Ftehim ta' Assoċjazzjoni li daħal fis-seħħ f'Mejju 2002. F'konformità mal-Politika Ewropea tal-Viċinat riveduta, l-UE u l-Ġordan adottaw fl-2016 il-Prijoritajiet tas-Sħubija bejn l-UE u l-Ġordan (li f'dak iż-żmien kienu jinkludu l-Patt bejn l-UE u l-Ġordan). F'Diċembru 2018, il-Prijoritajiet tas-Sħubija bejn l-UE u l-Ġordan ġew estiżi b'sentejn oħra biex ikopru l-2016-2020.

Il-kooperazzjoni taħt il-Prijoritajiet tas-Sħubija hija bbażata fuq tliet objettivi li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku: i) l-istabbiltà makroekonomika u t-tkabbir sostenibbli u bbażat fuq l-għarfien; ii) it-tisħiħ tal-governanza demokratika, tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet tal-bniedem; u iii) l-istabbiltà u s-sigurtà reġjonali, inkluż il-ġlieda kontra t-terroriżmu. Teżiti wkoll kooperazzjoni dwar kwistjonijiet trasversali bħall-migrazzjoni u l-mobilità kif ukoll l-inklużjoni ekonomika, soċjali u politika ta' gruppi vulnerabbli, inklużi ż-żgħażagħ u n-nisa.

Ir-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-UE u l-Ġordan huma rregolati mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. Dan il-ftehim stabbilixxa Żona ta' Kummerċ Ħieles li tiftaħ il-kummerċ bidirezzjonali tal-prodotti bejn l-UE u l-Ġordan. F'Lulju 2016, l-UE u l-Ġordan qablu li jagħmlu r-regoli jew l-oriġini li l-esportaturi Ġordanjani jużaw fil-kummerċ tagħhom mal-UE aktar flessibbli. Iż-żewġ naħat rieżaminaw u tejbu din l-inizjattiva f'Diċembru 2018. L-UE hija l-ewwel sieħeb kummerċjali tal-Ġordan, u rrappreżentat 17,1 % (f'termini ta' valur) tal-kummerċ totali tal-Ġordan fl-2018. L-esportazzjonijiet Ġordanjani lejn l-UE ammontaw għal EUR 300 miljun fl-2018 filwaqt li l-importazzjonijiet mill-UE ammontaw għal EUR 3,6 biljun (f'termini ta' valur).

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

### • Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika għal din il-proposta hija l-Artikolu 212 tat-TFUE.

### • Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika peress li l-objettivi tar-restawr tal-istabbiltà makroekonomika ta' terminu qasir fil-Ġordan ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri waħedhom u jistgħu għalhekk jintlaħqu aħjar mill-Unjoni Ewropea. Ir-raġunijiet ewlenin huma r-restrizzjonijiet baġitarji ffaċċjati fil-livell nazzjonali u l-ħtieġa għal koordinazzjoni b'saħħitha tad-donaturi sabiex l-iskala u l-effikaċja tal-assistenza jiġu massimizzati kemm jista' jkun.

### • Proporzjonalità

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità: hija tillimita ruħha għall-minimu meħtieġ sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-istabbiltà makroekonomika fuq terminu qasir u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għal dak l-iskop.

Kif identifikat mill-Kummissjoni abbażi tal-istimi tal-FMI fil-kuntest tal-Faċilità ta' Fond Estiża, l-ammont tal-assistenza jikkorrispondi għal madwar 9,7 % tad-diskrepanza finanzjarja residwa stmata għall-perjodu 2020-2021. Dan l-impenn sinifikanti huwa ġġustifikat: mill-importanza politika tal-Ġordan għall-istabbiltà fil-Viċinat Ewropew; mill-assoċjazzjoni politika u mill-integrazzjoni ekonomika tal-pajjiż mal-UE, kif jidher mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn iż-żewġ naħat li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2002; kif ukoll is-sitwazzjoni ekonomika diffiċli li l-Ġordan għadu qed jiffaċċja, b'mod partikolari bħala riżultat tal-kunflitti fis-Sirja u fl-Iraq u mill-preżenza ta' għadd kbir ta' Sirjani fil-pajjiż.

- **Għażla tal-istrument**

Il-finanzjament jew l-assistenza teknika għall-proġetti mhux se jkunu adattati biex jindirizzaw l-objettivi makroekonomiċi. Il-valur miżjud ewlieni tal-MFA, meta mqabbla ma' strumenti oħrajn tal-UE, huwa li din l-assistenza ttaffi r-restrizzjoni finanzjarja esterna b'mod rapidu u tgħin sabiex jinħoloq qafas makroekonomiku stabbli, inkluż billi tippromwovi bilanċ tal-pagamenti u sitwazzjoni baġitarja sostenibbli, kif ukoll qafas xieraq għar-riformi strutturali. Billi tgħin biex jiġi stabbilit qafas xieraq għall-politiki makroekonomiċi u strutturali, l-MFA tista' żżid l-effikaċja tal-azzjonijiet iffinanzjati fil-Ġordan minn strumenti finanzjarji oħrajn tal-UE li jkunu ffokati aktar mill-qrib.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Il-proposta tal-Kummissjoni għal MFA tibni fuq it-tagħlimiet meħuda minn evalwazzjonijiet *ex-post* imwettqa fuq operazzjonijiet tal-passat fil-viċinat tal-UE, b'mod partikolari fuq l-evalwazzjoni *ex post* tal-operazzjoni MFA-I ipprovduta lill-Ġordan fl-2015 li kienet irregolata bid-Deċiżjoni 1351/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013[3].

Din l-evalwazzjoni *ex post*[4] ikkonkludiet li l-programm MFA-I laħaq l-objettivi tiegħu. Id-disinn tiegħu kien rilevanti għall-isfidi ekonomiċi tal-Ġordan, filwaqt li kkontribwixxa sostanzjalment għall-istabbilizzazzjoni effettiva tal-pożizzjoni finanzjarja esterna u fiskali tal-Ġordan. Il-programm kellu valur miżjud konsiderevoli għall-UE billi appoġġa l-istabbiltà makroekonomika f'pajjiż sieħeb ġar u mmitiga l-impatt tal-kriżi tar-refuġjati. Kien imfassal u implimentat b'mod koerenti ma' politiki jew strumenti oħra tal-UE. Il-programm kellu wkoll impatt soċjali pożittiv filwaqt li ta kontribut qawwi fir-rigward tas-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku billi offra kundizzjonijiet ta' finanzjament estremament favorevoli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Fit-tħejjija ta' din il-proposta għal MFA, is-servizzi tal-Kummissjoni kienu f'kuntatt regolari mal-awtoritajiet tal-Ġordan, sabiex titrawwem is-sjieda tal-Ġordan għal dan il-programm. Barra minn hekk, peress li l-MFA tingħata bħala parti integrali mill-appoġġ internazzjonali għall-istabbilizzazzjoni ekonomika tal-Ġordan, il-Kummissjoni kkonsultat ukoll mas-sħab internazzjonali tal-Ġordan bħall-Fond Monetarju Internazzjonali u l-Bank Dinji, li qed jappoġġjaw lill-pajjiż permezz ta' programmi ta' finanzjament konsiderevoli.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Twettqet Valutazzjoni Operazzjonali mill-Kummissjoni li tivverifika l-kwalità u l-affidabilità taċ-ċirkwiti finanzjarji pubbliċi u tal-proċeduri amministrattivi tal-Ġordan bl-assistenza ta' esperti esterni, u tħejja rapport finali f'Settembru 2016. Fl-ewwel kwart tal-2020, huwa mistenni li titwettaq Valutazzjoni Operazzjonali ġdida biex tirrifletti l-iżviluppi riċenti.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-assistenza makrofinanzjarja tal-UE hija strument ta' emerġenza eċċezzjonali li għandu l-għan li jindirizza d-diffikultajiet kritiċi għall-pagament tal-bilanċ f'pajjiżi terzi. Għalhekk, din

[3] ĠU L341, 18.12.2013, p. 4

[4] Evalwazzjoni *ex-post* hija disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/info/evaluation-reports-economic-and-financial-affairs-policies-and-spending-activities/ex-post-evaluation-mfa-operations-jordan_mt

il-proposta tal-MFA hija eżentata mill-ħtieġa li titwettaq Valutazzjoni tal-Impatt skont il-Linji Gwida ta' Regolamentazzjoni Aħjar tal-Kummissjoni (SWD(2015)111 final) billi hemm prijorità politika li wieħed jimxi 'l quddiem b'rata mgħaġġla f'din is-sitwazzjoni ta' emerġenza li teħtieġ rispons rapidu.

L-MFA se tgħin biex jittaffew il-ħtiġijiet finanzjarji fuq terminu qasir tal-Ġordan. Il-programm ta' aġġustament u ta' riforma ekonomiċi marbut mal-programm, li jibni fuq il-matriċi ta' ħames snin ta' tkabbir u ta' riforma tal-gvern tal-Ġordan, se jikkontribwixxi biex jinħoloq qafas makroekonomiku stabbli u biex jiġu implimentati riformi strutturali ambizzjużi li jtejbu l-prospetti tat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi. Il-finanzjament mill-MFA se jgħin ukoll lill-pajjiż benefiċjarju jagħmel l-aġġustament ekonomiku meħtieġ inqas aħrax u f'daqqa, meta mqabbel ma' xenarju alternattiv mingħajr għajnuna finanzjarja esterna. B'dan il-mod jgħin biex itaffi l-impatt soċjali tal-aġġustament u jiġu evitati l-effetti negattivi tal-kriżi li l-pajjiż għaddej minnha. Billi jipprovdi finanzjament fit-tul fuq termini konċessjonali ferm u jappoġġja r-riformi, il-programm tal-MFA se jikkontribwixxi biex ikompli l-aġġustament fiskali, itejjeb is-sostenibbiltà tad-dejn tal-Ġordan u joħloq l-ispazju fiskali meħtieġ biex jippreserva l-infiq soċjali meħtieġ minħabba l-pressjonijiet ekonomiċi u soċjali persistenti li jirriżultaw mill-kuntest reġjonali diffiċli, inkluż il-preżenza ta' madwar 1,3 miljun Sirjan skont l-istimi tal-awtoritajiet Ġordanjani (li 660 330 minnhom kienu rreġistrati mal-UNHCR f'Awwissu 2019). Barra minn hekk, permezz tal-kundizzjonalità politika mmirata, l-MFA tgħin biex jinħolqu l-kundizzjonijiet għal tkabbir aktar ibbilanċjat, sostenibbli u inklużiv bi protezzjoni soċjali adegwata.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-assistenza ppjanata tingħata f'forma ta' self u jenħtieġ li tkun iffinanzjata permezz ta' operazzjonijiet ta' teħid b'self li l-Kummissjoni se twettaq f'isem l-UE. L-ispejjeż baġitarji tal-assistenza se jikkorrispondu mal-proviżjonament, b'rata ta' 9 %, tal-ammonti żborżati fil-fond ta' Garanzija għal self estern tal-UE, mil-linja baġitarja 01 03 06 ("Proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija")[5].

Jekk wieħed jassumi li l-ewwel żewġ żborżi ta' self se jsiru fl-2020 b'ammont totali ta' EUR 300 miljun u t-tielet żborż ta' self se jsir fl-2021 b'ammont ta' EUR 200 miljun, u skont ir-regoli li jirregolaw il-mekkaniżmu tal-fond ta' garanzija, il-proviżjonament korrispondenti se jiddaħħal fil-baġits tal-2022 (EUR 27 miljun) u tal-2023 (EUR 18-il miljun).

Il-Kummissjoni tivvaluta li l-impatt baġitarju tal-operazzjoni proposta tal-MFA għall-Ġordan jista' jiġi akkomodat fil-proposta tal-Kummissjoni għall-QFP li jmiss.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

L-Unjoni Ewropea se tagħmel l-MFA disponibbli għall-Ġordan b'ammont totali sa EUR 500 miljun, ipprovduta f'forma ta' selfiet b'terminu minn medju sa twil, li se tikkontribbwixxi biex jiġu koperti l-ħtiġijiet ta' finanzjament esterni residwi tal-2020-21 tal-Ġordan. L-assistenza hija ppjanata li tiġi żborżjata fi tliet pagamenti ta' self. L-iżborż tal-ewwel pagament huwa mistenni li jsir lejn Ġunju 2020. It-tieni u t-tielet pagamenti jistgħu jiġu

[5] Taħt il-QFP li jmiss se jkun hemm nomenklatura baġitarja ġdida, li għadha ma ġietx adottata. Il-proviżjonament se jsir għalhekk mil-linja suċċessur rilevanti tal-01.0306.

żborżati fir-raba' kwart tal-2020 u fit-tieni kwart tal-2021 dment li l-miżuri ta' politika marbuta ma' kull pagament ikunu ġew implimentati fil-waqt.

L-assistenza se tkun ġestita mill-Kummissjoni. Japplikaw dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-prevenzjoni tal-frodi u ta' irregolaritajiet oħrajn, b'mod konsistenti mar-Regolament Finanzjarju.

Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Ġordan se jaqblu dwar Memorandum ta' Qbil li jistipula l-miżuri ta' riforma strutturali assoċjati mal-operazzjoni tal-MFA proposta, inklużi aspetti ta' żmien u sekwenzjar. Barra minn hekk, kif jiġri normalment f'każ ta' MFA, l-iżborżi jkunu fost l-oħrajn jiddependu fuq rieżamijiet sodisfaċenti taħt il-programm tal-FMI u l-ġbid kontinwat mill-Ġordan ta' fondi mill-FMI.

Il-proposta tinkludi klawżola ta' estinzjoni. L-MFA proposta ssir disponibbli għal sentejn u nofs, li jibdew mill-ewwel jum wara d-dħul fis-seħħ tal-Memorandum ta' Qbil.

Il-Kummissjoni se tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fis-sena ta' qabel. Barra minn hekk, it-twettiq tal-objettivi tal-assistenza se jiġi vvalutat mill-Kummissjoni, inkluż fil-kuntest ta' evalwazzjoni *ex-post* li l-Kummissjoni se tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa mhux aktar tard minn sentejn wara l-iskadenza tal-perjodu ta' disponibbiltà tal-assistenza.

It-test ta' din il-proposta huwa konsistenti mat-test tad-Deċiżjonijiet preċedenti tal-MFA kif approvat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill f'dawn l-aħħar snin.

2019/0192 (COD)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li tipprevedi aktar assistenza makrofinanzjarja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 212 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea ("l-Unjoni") u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan ("il-Ġordan") qegħdin jiżviluppaw fi ħdan il-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV). Il-Ġordan iffirma il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Unjoni fl-24 ta' Novembru 1997, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2002. Skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, l-Unjoni u l-Ġordan gradwalment stabbilew Żona ta' Kummerċ Ħieles matul perjodu tranżizzjonali ta' 12-il sena. Barra minn hekk, fl-2007 daħal fis-seħħ ftehim dwar aktar liberalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli. Fl-2010, ġiet miftiehma sħubija ta' Status Avvanzat bejn l-UE u l-Ġordan li tinvolvi oqsma usa' ta' kooperazzjoni. Il-protokoll dwar Mekkaniżmi għas-Soluzzjoni tat-Tilwim għall-kummerċ bejn l-UE u l-Ġordan inizjalat f'Diċembru 2009 daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2011. Id-djalogu politiku u l-kooperazzjoni ekonomika bilaterali ġew żviluppati aktar fil-qafas tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, tal-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Ġordan u tal-Qafas ta' Appoġġ Uniku adottati għall-2017–2020.

(2) Fl-2011, il-Ġordan beda għadd ta' riformi politiċi biex tissaħħaħ id-demokrazija parlamentari u l-istat tad-dritt. Twaqqfu Qorti Kostituzzjonali u Kummissjoni Elettorali Indipendenti u l-Parlament tal-Ġordan għadda għadd ta' liġijiet ewlenin, inkluż l-Att Elettorali u l-Att tal-Partiti Politiċi kif ukoll liġijiet dwar id-deċentralizzazzjoni u l-muniċipalitajiet. Sar titjib leġiżlattiv fejn jidħlu l-indipendenza tal-ġudikatura u d-drittijiet tan-nisa.

(3) L-ekonomija tal-Ġordan sofriet b'mod sinifikanti mill-konflitti fit-tul, b'mod partikolari fil-pajjiżi ġirien tal-Iraq u s-Sirja. Dan l-inkwiet reġjonali ħalla impatt qawwi fuq id-dħul estern u dgħajjef il-finanzi pubbliċi. L-influssi tat-turiżmu u tal-investiment dirett barrani ġew affettwati b'mod negattiv, u r-rotot tal-kummerċ baqgħu mblukkati għal perjodi twal. B'mod separat, il-fluss tal-gass naturali mill-Eġittu kien mfixkel għal diversi snin, u dan wassal għal ħtieġa li tiġi akkwistat enerġija minn sorsi alternattivi bi prezz ogħla. Barra minn hekk, l-ekonomija tal-Ġordan kienet milquta minn influss kbir ta' refuġjati Sirjani, li żied il-pressjoni fuq il-pożizzjoni fiskali tiegħu, fuq is-servizzi pubbliċi u fuq l-infrastruttura.

(4) F'Awwissu 2016, l-awtoritajiet tal-Ġordan u l-FMI qablu dwar it-tieni programm ta' aġġustament ekonomiku appoġġat b'Faċilità ta' Fond Estiża (Extended Fund Facility -

EFF) ta' tliet snin fl-ammont ta' USD 723 miljun, li segwiet Arranġament ta' Riżerva ta' USD 2 biljun ta' tliet snin mill-2012 sal-2015. F'Mejju 2019, il-programm tal-EFF ġie estiż sa Marzu 2020.

(5) F'Diċembru 2016, l-Unjoni adottat[6] it-tieni programm ta' assistenza makrofinanzjarja (MFA-II) ta' EUR 200 miljun fil-forma ta' self, bi tweġiba għal talba mill-Ġordan f'Marzu 2016 u wara li tlesta l-ewwel programm tal-MFA ta' EUR 180 miljun implimentat fl-2015. L-MFA-II ġiet b'segwitu għall-impenn li ġie espress fil-konferenza "Supporting Syria and the Region", li saret f'Londra fl-4 ta' Frar 2016, fejn l-Unjoni wiegħdet EUR 2,39 biljun fl-2016-2017 f'appoġġ finanzjarju għall-pajjiżi l-aktar milquta mill-kriżi tar-rifuġjati, inkluż il-Ġordan. Il-Memorandum ta' Qbil li jiddefinixxi l-kondizzjonijiet ta' politika relatati mal-MFA-II daħal fis-seħħ fid-19 ta' Settembru 2017. L-ewwel pagament tal-MFA-II ġie rilaxxat fis-17 ta' Ottubru 2017 u t-tieni pagament fil-21 ta' Ġunju 2019, wara l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' politika miftiehma.

(6) Id-Deċiżjoni għall-MFA-II, kif adottata mill-koleġiżlaturi f'Diċembru 2016, kienet tinkludi Dikjarazzjoni Konġunta mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni li fiha l-Kummissjoni, fid-dawl tal-isfidi fiskali u taċ-ċirkostanzi straordinarji li qed jiffaċċja l-Ġordan minħabba li qed jospita għadd kbir ta' Sirjani (1,3 miljun skont l-awtoritajiet Ġordanjani), impenjat ruħha li tippreżenta, jekk ikun xieraq, proposta ġdida għall-estensjoni u ż-żieda tal-MFA lill-Ġordan, mat-tlestija b'suċċess tat-tieni MFA u dment ikunu ssodisfati l-prekundizzjonijiet tas-soltu għal dan it-tip ta' assistenza, inkluża valutazzjoni aġġornata mill-Kummissjoni tal-ħtiġijiet ta' finanzjament estern tal-Ġordan.

(7) Fl-2017-2019, l-instabbiltà twila reġjonali, l-iskopertura kbira għall-fluttwazzjoni fil-prezzijiet taż-żejt u ż-żieda fil-kostijiet tas-self għas-swieq emerġenti mad-dinja kollha baqgħu jkunu ta' piż fuq l-ekonomija Ġordanjana. B'riżultat ta' dan, it-tkabbir ekonomiku naqas għal darb' oħra, il-qgħad żdied b'mod sinifikanti, il-ġbir tad-dħul mit-taxxa naqas u tfaċċaw ħtiġijiet ġodda ta' finanzjament fiskali u estern.

(8) F'dan il-kuntest diffiċli, l-Unjoni u l-komunità internazzjonali reħgħu esprimew l-impenn li jappoġġja lill-Ġordan f'diversi okkażjonijiet sussegwenti, b'mod partikolari waqt il-Konferenza ta' Brussell dwar "Supporting the Future of Syria" f'April 2017, fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Ġordan f'Lulju 2017 u fil-Konferenza Brussell-II dwar "Supporting the Future of Syria" f'April 2018. Fil-Konferenza "London Initiative", li saret f'Frar 2019, u fil-Konferenza Brussell-III li saret f'Marzu 2019, il-komunità internazzjonali u reġjonali tad-donaturi, inkluża l-UE, ikkonfermat mill-ġdid l-intenzjonijiet tagħha li tappoġġja l-isforzi tal-Ġordan biex jippreserva l-istabbiltà makroekonomika u jtejjeb il-prospetti ta' tkabbir.

(9) Sa mill-bidu tal-kriżi Sirjana fl-2011, l-Unjoni għamlet disponibbli aktar minn EUR 2,1 biljun lill-Ġordan taħt strumenti differenti (inklużi EUR 380 miljun taħt iż-żewġ programmi tal-MFA msemmija hawn fuq) biex tgħin lill-pajjiż jippreserva l-istabbiltà ekonomika, isostni r-riforma politika u ekonomika u jindirizza l-ħtiġijiet relatati umanitarji, ta' żvilupp u ta' sigurtà tiegħu. Barra minn hekk, il-Bank Ewropew tal-Investiment alloka madwar EUR 486 miljun f'self ta' proġetti lill-Ġordan.

[6] Id-Deċizjoni Nru 2371/2016/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan (ĠU L 352, 23.12.2016, p. 18-25).

(10) F'Lulju 2019, fid-dawl tas-sitwazzjoni ekonomika u l-prospett ekonomiku li kienu għadhom diffiċli, il-Ġordan talab għal aktar assistenza makrofinanzjarja mill-Unjoni.

(11) Wara t-tlestija b'suċċess tar-rieżami tat-tieni programm tal-FMI fis-6 ta' Mejju 2019, il-FMI u l-Ġordan bdew diskussjonijiet dwar programm suċċessur tal-FMI għal wara Marzu 2020 meta huwa mistenni li jkun spiċċa l-arranġament taħt il-Faċilità ta' Fond Estiż.

(12) Minħabba li l-Ġordan huwa pajjiż kopert mill-PEV, jenħtieġ li jkun ikkunsidrat bħala eliġibbli biex jirċievi l-assistenza makrofinanzjarja mill-Unjoni.

(13) L-assistenza makrofinanzjarja mill-Unjoni jenħtieġ li tkun strument finanzjarju eċċezzjonali ta' appoġġ mingħajr irbit u mhux speċifikat għall-bilanċ tal-pagamenti, bl-għan li tindirizza l-ħtiġijiet finanzjarji esterni immedjati tal-benefiċjarju u jenħtieġ li tirfed l-implimentazzjoni ta' programm ta' politika li fih miżuri qawwija ta' riforma strutturali u ta' aġġustament immedjat maħsuba biex itejbu l-pożizzjoni tal-bilanċ tal-pagamenti fuq terminu qasir.

(14) Minħabba li għad hemm diskrepanza fil-finanzjament residwu tal-bilanċ tal-Ġordan tal-pagamenti lil hinn mir-riżorsi pprovduti mill-FMI u minn istituzzjonijiet multilaterali oħrajn, l-għoti mill-Unjoni ta' assistenza makrofinanzjarja lill-Ġordan, fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali qed titqies bħala tweġiba xierqa għat-talba li l-Ġordan għamel lill-Unjoni biex tappoġġja l-istabbilizzazzjoni ekonomika tiegħu flimkien mal-programm tal-FMI. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tkun tappoġġa l-aġenda tal-istabbilizzazzjoni ekonomika u tar-riforma strutturali tal-Ġordan, filwaqt li tissuplimenta r-riżorsi li huma disponibbli taħt l-arranġament finanzjarju tal-FMI.

(15) Jenħtieġ li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jkollha l-għan li tappoġġa l-ħolqien mill-ġdid ta' sitwazzjoni finanzjarja esterna sostenibbli għall-Ġordan, u b'hekk tappoġġa l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tiegħu.

(16) Id-determinazzjoni tal-ammont tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni hija bbażata fuq valutazzjoni kwantitattiva kompleta tal-ħtiġijiet ta' finanzjament estern residwu tal-Ġordan u tqis il-kapaċità tiegħu li jiffinanzja lilu nnifsu bir-riżorsi proprji tiegħu, partikolarment ir-riżervi internazzjonali li għandu għad-dispożizzjoni tiegħu. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tikkumplementa l-programmi u r-riżorsi pprovduti mill-FMI u mill-Bank Dinji. Id-determinazzjoni tal-ammont tal-assistenza tqis ukoll il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mistennija mingħand donaturi bilaterali u multilaterali u l-ħtieġa li tiġi żgurata l-kondiviżjoni ġusta tal-piż bejn l-Unjoni u donaturi oħrajn, kif ukoll l-implimentazzjoni diġà eżistenti tal-istrumenti ta' finanzjament esterni l-oħrajn tal-Unjoni fil-Ġordan u l-valur miżjud tal-involviment kumplessiv tal-Unjoni.

(17) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tkun legalment u sostanzjalment skont il-prinċipji u l-objettivi ta', u l-miżuri ewlenin meħuda fl-oqsma differenti tal-azzjoni esterna u ta' linji ta' politika oħrajn rilevanti tal-Unjoni.

(18) L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tappoġġa l-politika esterna tal-Unjoni rigward il-Ġordan. Jenħtieġ li s-servizzi tal-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jaħdmu flimkien mill-qrib matul l-operazzjoni ta' assistenza makrofinanzjarja kollha bl-għan li jikkoordinaw il-politika esterna tal-Unjoni u li jiżguraw il-konsistenza tagħha.

(19) L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tappoġġa l-impenn tal-Ġordan fir-rigward tal-valuri kondiviżi mal-Unjoni, fosthom id-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, l-iżvilupp sostenibbli u t-tnaqqis fil-faqar, kif ukoll l-impenn tiegħu għall-prinċipji ta’ kummerċ miftuħ, ibbażat fuq ir-regoli u b’mod ġust.

(20) Prekundizzjoni għall-għoti tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jenħtieġ li tkun li l-Ġordan jirrispetta l-mekkaniżmi demokratiċi effettivi – inklużi sistema parlamentari b'diversi partiti – u l-istat tad-dritt, u li jiggarantixxi r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem. Barra minn hekk, l-objettivi speċifiċi tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandhom isaħħu l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà fis-sistemi tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fil-Ġordan, u jippromwovu r-riformi strutturali li għandhom l-għan li jappoġġaw it-tkabbir sostenibbli u inklussiv, il-ħolqien tax-xogħol u l-konsolidazzjoni fiskali. Kemm it-twettiq tal-prekondizzjonijiet kif ukoll il-kisba ta' dawk l-objettivi jenħtieġ li jiġu mmonitorjati regolarment mill-Kummissjoni u mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.

(21) Sabiex tkun żgurata l-protezzjoni effikaċi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni marbuta mal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, il-Ġordan għandu jadotta l-miżuri xierqa relatati mal-prevenzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni u kull irregolarità oħra marbuta ma’ din l-assistenza, u l-ġlieda kontrihom. Barra minn hekk, jenħtieġ li jkun hemm dispożizzjonijiet biex il-Kummissjoni twettaq verifiki u l-Qorti tal-Awdituri twettaq awditi.

(22) Ir-rilaxx tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni huwa mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (bħala awtorità baġitarja).

(23) L-ammonti ta’ proviżjonament meħtieġa għall-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jenħtieġ li jkunu konsistenti mal-approprjazzjonijiet baġitarji definiti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

(24) L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jenħtieġ li tkun ġestita mill-Kummissjoni. Sabiex ikun żgurat li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu jistgħu jsegwu l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tinfurmahom regolarment bl-iżviluppi relatati mal-assistenza u tipprovdilhom id-dokumenti rilevanti.

(25) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f’konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7].

(26) L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jenħtieġ li tkun soġġetta għal kundizzjonijiet ta’ politika ekonomika, li għandhom jiġu stabbiliti f’Memorandum ta’ Qbil. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni u għal raġunijiet ta' effiċjenza, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tinnegozja dawn il-kundizzjonijiet mal-awtoritajiet tal-Ġordan taħt is-superviżjoni tal-kumitat tar-rappreżentanti tal-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011. Skont dan ir-Regolament, bħala regola ġenerali jenħtieġ li tapplika l-proċedura konsultattiva fil-każijiet kollha ħlief kif previst f'dan ir-Regolament. Meta jiġi kkunsidrat l-impatt

[7] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

potenzjalment importanti tal-assistenza ta' aktar minn EUR 90 miljun, huwa xieraq li għal operazzjonijiet li jeċċedu dak il-limitu tintuża l-proċedura ta' eżami. Meta jitqies l-ammont ta' assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni lill-Ġordan, il-proċedura ta' eżami jenħtieġ li tapplika għall-adozzjoni tal-Memorandum ta' Qbil, u għal kwalunkwe tnaqqis, sospensjoni jew tħassir tal-assistenza.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. L-Unjoni għandha tagħmel assistenza makrofinanzjarja ta' ammont massimu ta' EUR 500 miljun disponibbli għall-Ġordan ("l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni"), bil-ħsieb li tappoġġa l-istabbilizzazzjoni ekonomika u l-aġenda ta' riforma sostantiva tal-Ġordan. L-assistenza għandha tikkontribwixxi biex tkopri l-ħtiġijiet tal-Ġordan għall-bilanċ tal-pagamenti kif inhuma identifikati fil-programm tal-FMI.

2. L-ammont sħiħ tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandu jkun ipprovdut lill-Ġordan fil-forma ta' self. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa, f'isem l-Unjoni, biex tissellef il-fondi meħtieġa mis-swieq kapitali jew minn istituzzjonijiet finanzjarji, u ssellifhom lill-Ġordan. Is-self għandu jkollu maturità medja massima ta' 15-il sena.

3. Ir-rilaxx tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandu jkun ġestit mill-Kummissjoni b'mod konsistenti mal-ftehimiet jew fehim milħuqa bejn il-Fond Monetarju Internazzjona (FMI) u l-Ġordan u mal-prinċipji u l-objettivi ewlenin tar-riformi ekonomiċi stabbiliti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ġordan.

   Il-Kummissjoni għandha tinforma regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-iżviluppi fir-rigward tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, inkluż l-iżborżi tagħha, u għandha tipprovdi lil dawk l-istituzzjonijiet bid-dokumenti rilevanti fi żmien xieraq.

4. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tkun disponibbli għal perjodu ta' sentejn u nofs, li jibdew mill-ewwel jum wara d-dħul fis-seħħ tal-Memorandum ta' Qbil imsemmi fl-Artikolu 3(1).

5. Jekk il-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ġordan jonqsu b'mod fundamentali matul il-perjodu tal-iżborż tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni meta mqabbla mal-projezzjonijiet inizjali, il-Kummissjoni, filwaqt li taġixxi f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 7(2), għandha tnaqqas l-ammont tal-assistenza jew tissospendiha jew tħassarha.

*Artikolu 2*

1. Prekundizzjoni għall-għoti tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tkun li l-Ġordan jirrispetta l-mekkaniżmi demokratiċi effettivi – inklużi sistema parlamentari b'diversi partiti – u l-istat tad-dritt, u li jiggarantixxi r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem.

2. Il-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għandhom jimmonitorjaw li din il-prekundizzjoni tiġi ssodisfata matul iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu applikati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE[8].

*Artikolu 3*

1. Il-Kummissjoni, f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 7(2), għandha tilħaq ftehim mal-awtoritajiet Ġordanjani dwar politika ekonomika u kundizzjonijiet finanzjarji definiti b'mod ċar, ikkonċentrati fuq riformi strutturali u finanzi pubbliċi sodi, li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tkun soġġetta għalihom, li għandhom jitniżżlu f'Memorandum ta' Qbil (il-"Memorandum ta' Qbil") li għandu jinkludi perjodu ta' żmien għat-twettiq ta' dawk il-kundizzjonijiet. Il-politika ekonomika u l-kundizzjonijiet finanzjarji stabbiliti fil-Memorandum ta' Qbil għandhom ikunu konsistenti mal-ftehimiet jew mal-arranġamenti msemmija fl-Artikolu 1(3), inklużi l-programmi ta' aġġustament makroekonomiku u ta' riforma strutturali implimentati mill-Ġordan bl-appoġġ tal-FMI.

2. Il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jimmiraw, b'mod partikolari, li jtejbu l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà tas-sistemi ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fil-Ġordan, inkluż għall-użu tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni. Il-progress fil-ftuħ reċiproku tas-swieq, l-iżvilupp ta' kummerċ ġust u bbażat fuq ir-regoli u prijoritajiet oħrajn fil-kuntest tal-politika esterna tal-Unjoni għandhom ukoll jitqiesu bil-mod dovut fit-tfassil tal-miżuri ta' politika. Il-progress fl-ilħuq ta' dawn l-objettivi għandu jiġi mmonitorjat regolarment mill-Kummissjoni.

3. It-termini finanzjarji dettaljati tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandhom jiġu stipulati fi Ftehim dwar is-Self li għandu jintlaħaq bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Ġordan.

4. Il-Kummissjoni għandha tivverifika f'intervalli regolari li l-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 4(3) jibqgħu jiġu ssodisfati, inkluż jekk il-linji ta' politika ekonomika tal-Ġordan ikunux f'konformità mal-objettivi tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni. Hija u tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha tikkoordina mill-qrib mal-FMI u mal-Bank Dinji u, fejn ikun meħtieġ, mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

*Artikolu 4*

1. Soġġett għall-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3, l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tkun magħmula disponibbli mill-Kummissjoni fi tliet pagamenti ta' self. Id-daqs ta' kull pagament għandu jiġi stabbilit fil-Memorandum ta' Qbil imsemmi fl-Artikolu 3.

2. L-ammonti tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandhom ikunu pprovduti, fejn meħtieġ, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009[9].

3. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar ir-rilaxx tal-pagamenti skont jekk ikunux twettqu l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

---

8 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30).

9 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 480/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10).

(a) il-prekondizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2;

(b) rekord sodisfaċenti kontinwu fl-implimentazzjoni ta' programm ta' politika li fih miżuri ta' aġġustament u ta' riforma strutturali b'saħħithom appoġġati minn arranġament ta' kreditu mill-FMI mhux prekawzjonarju; kif ukoll

(c) l-implimentazzjoni sodisfaċenti tal-politika ekonomika u tal-kundizzjonijiet finanzjarji miftiehma fil-Memorandum ta' Qbil.

Ir-rilaxx tat-tieni pagament ma għandux, fil-prinċipju, isir qabel tliet xhur wara r-rilaxx tal-ewwel pagament. Ir-rilaxx tat-tielet pagament ma għandux, fil-prinċipju, isir qabel tliet xhur wara r-rilaxx tat-tieni pagament.

4. Fejn il-kundizzjonijiet imsemmija fl-ewwel sub-paragrafu tal-paragrafu 3 ma jiġux issodisfati, il-Kummissjoni għandha tissospendi jew tikkanċella temporanjament l-iżborż tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni. F'tali każijiet, hija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-raġunijiet għas-sospensjoni jew il-kanċellazzjoni.

5. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tiġi żborżata lill-Bank Ċentrali tal-Ġordan. Soġġetti għad-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu miftiehma fil-Memorandum ta' Qbil, inkluża konferma tal-ħtiġijiet finanzjarji baġitarji residwi, il-fondi tal-Unjoni jistgħu jiġu ttrasferiti lill-Ministeru tal-Finanzi tal-Ġordan bħala l-benefiċjarju aħħari.

*Artikolu 5*

1. L-operazzjonijiet ta’ teħid u għoti b’self relatati mal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jsiru fil-munita euro bl-użu tal-istess data tal-valur, u ma għandhomx jinvolvu lill-Unjoni fit-trasformazzjoni tal-maturitajiet, jew jesponuha għal kwalunkwe riskju fir-rata tal-kambju jew tal-imgħax, jew għal kwalunkwe riskju kummerċjali ieħor.

2. Fejn iċ-ċirkostanzi jippermettu, u jekk il-Ġordan jitlob dan, il-Kummissjoni tista' tieħu l-passi meħtieġa biex tiżgura li tiddaħħal klawżola dwar ir-ripagament bikri fit-termini u l-kundizzjonijiet tas-self u li din tkun pariġġjata minn klawżola korrispondenti dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tal-operazzjonijiet tat-teħid tas-self.

3. Fejn iċ-ċirkostanzi jippermettu titjib fir-rata tal-imgħax tas-self u jekk il-Ġordan jitlob dan, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tiffinanzja mill-ġdid it-teħid tas-self inizjali kollu jew parti minnu, jew tista' tirristruttura l-kundizzjonijiet finanzjarji korrispondenti. L-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-ġdid jew ta' ristrutturar għandhom jitwettqu skont il-paragrafi 1 u 4, u ma għandux ikollhom l-effett li jestendu l-maturità tas-self ikkonċernat jew li jżidu l-ammont ta' kapital pendenti fid-data tal-finanzjament mill-ġdid jew tar-ristrutturar.

4. L-ispejjeż kollha mġarrba mill-Unjoni li jkunu relatati mal-operazzjonijiet tal-għoti jew ta' teħid tas-self skont din id-Deċiżjoni, għandhom jitħallsu mill-Ġordan.

5. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-iżviluppi fl-operazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3.

*Artikolu 6*

1. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tiġi implimentata f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1046/2018 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10].

2. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tkun taħt ġestjoni diretta.

3. Il-Ftehim dwar is-Self imsemmi fl-Artikolu 3(3) għandu jkun fih dispożizzjonijiet:

   (a) li jiżguraw li l-Ġordan jivverifika regolarment li l-finanzjament ipprovdut mill-baġit tal-Unjoni ntuża kif suppost, li dan jieħu miżuri xierqa biex jipprevjeni l-irregolaritajiet u l-frodi u, jekk ikun meħtieġ, jieħu azzjoni legali biex jirkupra kwalunkwe fondi pprovduti skont din id-Deċiżjoni li jkunu ġew miżapproprjati;

   (b) li jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jipprevedu miżuri speċifiċi fir-rigward tal-prevenzjoni u tal-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe irregolarità oħra li taffettwa l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95[11], ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2185/96[12] u r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13]. B'mod partikolari, għal dak l-għan, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi għandu jkun espressament awtorizzat li jwettaq investigazzjonijiet, inkluż b'mod partikolari kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post inklużi operazzjonijiet forensiċi diġitali u intervisti;

   (c) li jawtorizzaw espressament lill-Kummissjoni (OLAF) jew lir-rappreżentanti tagħha jwettqu verifiki, inklużi verifiki u spezzjonijiet fuq il-post;

   (d) jawtorizzaw espressament lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri jagħmlu awditjar matul u wara l-perjodu ta' disponibbiltà tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, inkluż awditjar ta' dokumenti u awditjar fuq il-post, bħal pereżempju valutazzjonijiet operazzjonali;

   (e) jiżguraw li l-Unjoni hija intitolata għal ripagament bikri tas-self fejn ikun stabbilit li, fir-rigward tal-ġestjoni tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, il-Ġordan wettaq kwalunkwe att ta' frodi jew ta' korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali li hija ta' detriment għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

   (f) jiżguraw li l-ispejjeż kollha mġarrba mill-Unjoni relatati mal-assistenza finanzjarja għandhom jitħallsu mill-Ġordan.

---

10 Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1046/2018 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.07.2018, p. 1).

11 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

12 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

13 Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

4. Qabel l-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tivvaluta, permezz ta' valutazzjoni operazzjonali, is-solidità tal-arranġamenti finanzjarji tal-Ġordan, il-proċeduri amministrattivi, u l-mekkaniżmi ta' kontroll interni u esterni li huma rilevanti għall-assistenza.

*Artikolu 7*

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna minn kumitat. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 8*

1. Sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fis-sena ta' qabel, inkluża evalwazzjoni ta' din l-implimentazzjoni. Ir-rapport għandu:

   (a) jeżamina l-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni;

   (b) jivvaluta s-sitwazzjoni ekonomika u l-prospetti tal-Ġordan, kif ukoll il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' politika msemmija fl-Artikolu 3(1);

   (c) jindika r-rabta bejn il-kundizzjonijiet tal-politika ekonomika stipulati fil-Memorandum ta’ Qbil, il-prestazzjoni ekonomika u fiskali attwali tal-Ġordan u d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li tirrilaxxa l-pagamenti tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni.

2. Sa mhux aktar tard minn sentejn wara li jiskadi l-perjodu ta’ disponibbiltà msemmi fl-Artikolu 1(4), il-Kummissjoni tibgħat rapport ta’ evalwazzjoni *ex-post* lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta r-riżultati u l-effiċjenza tal-assistenza makrofinanzjarja kompleta tal-Unjoni u sa liema punt din ikkontribwiet għall-għanijiet tal-assistenza.

*Artikolu 9*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i)

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar:

1.4. Objettiv(i)

*1.4.1. Objettiv(i) ġenerali*

*1.4.2. Objettiv(i) speċifiċi*

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni*

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

*1.5.1. Rekwiżit(i) li jridu jiġu ssodisfati fuq terminu qasir jew twil, inkluża skeda ta' żmien dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

*1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. titjib fil-koordinazzjoni, ċertezza tad-dritt, effettività akbar jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur li altrimenti kien jinħoloq mill-Istati Membri weħidhom.*

*1.5.3. Tagħlim miksub minn esperjenzi simili fil-passat*

*1.5.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn*

*1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Ir-regoli dwar il-ġestjoni u r-rapportar

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

*2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, il-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, il-modalitajiet ta' pagament u l-istrateġija ta' kontroll proposta*

*2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbiliti għall-mitigazzjoni tagħhom*

*2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti") u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-pagament u fl-għeluq)*

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

## 3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja tan-nefqa affettwati

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

*3.2.2. Output stmat iffinanzjat b'approprjazzjonijiet operazzjonali*

*3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi*

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi*

3.3. Stima tal-impatt fuq id-dħul

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

L-assistenza makrofinanzjarja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan

### 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Qasam ta' politika: Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

Attività: Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji internazzjonali

### 1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar azzjoni ġdida

### 1.4. Objettiv(i)

*1.4.1. Objettiv(i) ġenerali*

"Spinta ġdida għall-impjiegi, it-tkabbir u l-investiment: il-promozzjoni tal-prosperità lil hinn mill-UE"

*1.4.2. Objettiv(i) speċifiċi*

"Il-promozzjoni tal-prosperità lil hinn mill-UE"

L-attivitajiet marbuta mad-DĠ ECFIN huma relatati ma':

(a) L-appoġġ tal-istabbiltà makroekonomika u l-promozzjoni tar-riformi favur it-tkabbir barra mill-UE, inkluż permezz ta' djalogi ekonomiċi regolari mas-sħab ewlenin u bl-għoti ta' assistenza makrofinanzjarja; kif ukoll

(b) L-appoġġ tal-proċess ta' tkabbir, l-implimentazzjoni tal-Politika tal-Viċinat tal-UE u l-prijoritajiet tal-UE f'pajjiżi terzi oħra permezz ta' analiżi ekonomika u l-għoti ta' valutazzjonijiet tal-politika u pariri.

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

L-assistenza proposta tikkonsisti f'self mill-UE ta' EUR 500 miljun lill-Ġordan, bl-għan li jikkontribwixxi għal sitwazzjoni aktar sostenibbli fil-bilanċ tal-pagamenti. L-assistenza, li għandha tiġi żborżata fi tliet pagamenti, għandha tgħin lill-pajjiż jegħleb is-sitwazzjoni ekonomika u tal-bilanċ tal-pagamenti diffiċli li qed jesperjenza. L-assistenza tippromwovi wkoll riformi strutturali mmirati biex iżidu t-tkabbir ekonomiku sostenibbli u biex itejbu l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi. Barra minn hekk, billi jipprovdi finanzjament fit-tul fuq termini konċessjonali ferm, il-programm tal-MFA se jikkontribwixxi biex itejjeb is-sostenibbiltà tad-dejn tal-Ġordan filwaqt jgħin lill-pajjiż jippreserva l-infiq soċjali meħtieġ minħabba l-pressjonijiet ekonomiċi u soċjali persistenti li jirriżultaw mill-kuntest reġjonali diffiċli, inkluż il-preżenza ta' għadd kbir ta' Sirjani (li l-gvern Ġordanjan jistma li huma 1,3 miljun u li 660 330 minnhom kienu rreġistrati mal-UNHCR fid-data tal-4 ta' Awwissu 2019). Il-programm tal-MFA se jenfasizza s-solidarjetà u l-kunfidenza tal-UE fil-Ġordan, kif ukoll l-importanza ġeopolitika tal-Ġordan għall-UE fil-kuntest tal-kriżi Sirjana.

*1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni*

L-awtoritajiet se jkunu mitluba jirrappurtaw lis-servizzi tal-Kummissjoni fuq bażi regolari dwar sett ta' indikaturi ekonomiċi kif ukoll jipprovdu rapport komprensiv

dwar il-konformità mal-kundizzjonijiet miftiehma ta' politika, qabel ma jiġu żborżati l-pagamenti tal-assistenza.

Is-servizzi tal-Kummissjoni se jkomplu jimmonitorjaw il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, wara l-valutazzjoni operazzjonali taċ-ċirkwiti finanzjarji u l-proċeduri amministrattivi fil-Ġordan, li se jitwettqu fl-ewwel kwart tal-2020. Id-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Ġordan sejra tipprovdi wkoll rapportar regolari dwar kwistjonijiet li huma relevanti għall-monitoraġġ tal-assistenza. Is-servizzi tal-Kummissjoni sejrin jibqgħu f'kuntatt mill-qrib mal-FMI u mal-Bank Dinji sabiex jibbenefikaw mill-għarfien tagħhom li jġibu mill-attivitajiet fis-seħħ tagħhom fil-Ġordan.

Fid-deċiżjoni leġiżlattiva proposta huwa previst rapport annwali lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew li jkun fih valutazzjoni tal-implimentazzjoni ta' din l-operazzjoni. Evalwazzjoni indipendenti *ex post* dwar l-assistenza se titwettaq fi żmien sentejn wara l-iskadenza tal-perjodu ta' implimentazzjoni.

### 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

*1.5.1. Rekwiżit(i) li jridu jiġu ssodisfati fuq terminu qasir jew twil, inkluża skeda ta' żmien dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

L-iżborż tal-assistenza se jkun jiddependi fuq l-issodisfar tal-prekundizzjoni politika u rekord sodisfaċenti fl-implimentazzjoni tal-arranġament finanzjarju futur bejn il-Ġordan u l-FMI. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha taqbel mal-awtoritajiet tal-Ġordan fuq kundizzjonijiet speċifiċi ta' politika, elenkati fil-Memorandum ta' Qbil.

L-assistenza hija ppjanata li tiġi żborżjata fi tliet pagamenti ta' self. L-iżborż tal-ewwel pagament huwa mistenni li jsir lejn Ġunju 2020. It-tieni u t-tielet pagamenti jistgħu jiġu żborżati fir-raba' kwart tal-2020 u fit-tieni kwart tal-2021 dment li l-miżuri ta' politika marbuta ma' kull pagament ikunu ġew implimentati fil-waqt.

*1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. titjib fil-koordinazzjoni, ċertezza tad-dritt, effettività akbar jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur li altrimenti kien jinħoloq mill-Istati Membri weħidhom.*

L-MFA proposta lill-Ġordan tirrifletti l-importanza strateġika tal-pajjiż għall-UE u hija konformi mal-objettivi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV). L-istrument tal-MFA huwa strument ibbażat fuq il-politika li għandu l-għan li jtaffi l-ħtiġijiet finanzjarji esterni fuq terminu qasir u medju. Bħala parti mill-pakkett kumplessiv ta' assistenza tal-UE, dan jikkontribwixxi biex jappoġġja l-objettivi tal-Unjoni ta' stabbiltà ekonomika, żvilupp ekonomiku u reżiljenza fil-Ġordan u, b'mod usa', fil-viċinat tan-Nofsinhar tal-Ewropa.

Il-programm tal-MFA se jenfasizza s-solidarjetà u l-kunfidenza tal-UE fil-Ġordan, kif ukoll l-importanza ġeopolitika tal-Ġordan għall-UE fil-kuntest tal-kriżi Sirjana. Dan huwa konsistenti mal-impenji tal-UE lejn il-Ġordan kif espressi f'diversi okkażjonijiet f'dawn l-aħħar snin inkluż fil-konferenza London Initiative f'Frar 2019 u fil-konferenza Brussell III f'Marzu 2019.

Billi tappoġġja l-isforzi tal-awtoritajiet tal-Ġordan biex jistabbilixxu qafas makroekonomiku stabbli u jimplimentaw riformi strutturali ambizzjużi, l-operazzjoni proposta ssaħħaħ il-valur miżjud tal-involviment kumplessiv tal-UE fil-Ġordan u

ttejjeb l-effettività ta' forom oħrajn ta' assistenza finanzjarja tal-UE lill-pajjiż, inkluż l-operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju u l-għotjiet disponibbli permezz ta' strumenti finanzjarji esterni taħt il-qafas finanzjarju pluriennali attwali għall-2014-2020.

Minbarra l-impatt finanzjarju tal-MFA, il-programm propost se jsaħħaħ l-impenn ta' riforma tal-gvern u jkompli jrawwem l-aspirazzjoni tiegħu li jkollu relazzjonijiet aktar mill-qrib mal-UE, kif rifless mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni li daħal fis-seħħ f'Mejju 2002 u l-Prijoritajiet tas-Sħubija mal-UE li ilhom fis-seħħ mill-2016. Dan ir-riżultat se jinkiseb, fost l-oħrajn, permezz ta' kundizzjonalità xierqa għall-iżborż tal-assistenza. F'kuntest akbar, il-programm se juri lill-pajjiżi l-oħra fir-reġjun li l-UE hija lesta biex tappoġġja pajjiżi li jaqbdu perkors ċar lejn ta' riformi politiċi.

L-MFA proposta hija wkoll parti integrali mill-appoġġ internazzjonali kumplessiv għall-Ġordan u se tkompli tikkumplimenta l-assistenza pprovduta minn donaturi multilaterali u bilaterali oħra. Billi tikkumplimenta r-riżorsi li tqiegħdu għad-dispożizzjoni mill-IFIs u minn donaturi oħrajn, l-MFA tal-UE tikkontribwixxi għall-effettività kumplessiva tal-appoġġ finanzjarju miftiehem mill-komunità ta' donaturi internazzjonali. Barra minn hekk, billi jipprovdi finanzjament fit-tul fuq termini konċessjonali ferm, normalment aktar baxxi minn donaturi multilaterali jew bilaterali oħrajn, il-programm tal-MFA se jikkontribwixxi biex itejjeb is-sostenibbiltà tad-dejn tal-Ġordan filwaqt li jgħin lill-pajjiż jippreserva l-infiq soċjali meħtieġ minħabba l-pressjonijiet ekonomiċi u soċjali persistenti li jirriżultaw mill-kuntest reġjonali diffiċli. Il-kundizzjonijiet tal-MFA se jgħinu wkoll biex jitrawwem bilanċ sostenibbli tal-pagamenti u l-pożizzjoni baġitarja, jiżdied it-tkabbir potenzjali, jiġu promossi l-integrazzjoni u l-konverġenza regolatorja mal-UE u tissaħħaħ il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi.

### 1.5.3. *Tagħlim miksub minn esperjenzi simili fil-passat*

Sa mill-2004 saru tmintax-il evalwazzjoni *ex-post* fuq operazzjonijiet ta’ assistenza makrofinanzjarja. Dawn l-evalwazzjonijiet sa issa jikkonkludu li l-operazzjonijet tal-MFA tabilħaqq jikkontribwixxu, għalkemm xi drabi jagħmlu dan modestament u indirettament, għat-titjib tas-sostenibbiltà esterna, għall-istabbilità makroekonomika u biex jitwettqu riformi strutturali fil-pajjiż benefiċjarju. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet l-operazzjonijiet tal-MFA kellhom effett pożittiv fuq il-bilanċ tal-pagamenti tal-pajjiż benefiċjarju u kkontribwew biex jonqsu l-pressjonijiet baġitarji. Dawn wasslu wkoll biex ikun hemm tkabbir ekonomiku kemxejn ogħla.

Fl-2017, evalwazzjoni indipendenti eżaminat il-valur miżjud, l-impatt, it-tfassil u l-implimentazzjoni ta’ operazzjoni preċedenti tal-MFA fil-Ġordan (MFA I għal total ta’ EUR 180 miljun żborżati fl-2015) u sabet li kienet rilevanti, effettiva u li ġiet implimentata b’mod effiċjenti. Il-konklużjonijiet ewlenin mill-evalwazzjoni huma li l-MFA kellha impatt pożittiv fuq l-ekonomija tal-Ġordan, u li għenet lill-pajjiż jistabbilizza l-pożizzjoni esterna tiegħu u kkontribwiet għall-isforzi ta’ riforma. Barra minn hekk, minħabba t-termini ta’ finanzjament favorevoli ħafna tagħha, l-MFA tat kontribut għas-sostenibbiltà tad-dejn tal-Ġordan u ppermettiet konsolidazzjoni fiskali aktar gradwali, li altrimenti kien ikollha impatti soċjali negattivi serji (bħal aktar tnaqqis fl-infiq pubbliku).

### 1.5.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali u sinerġiji possibbli ma’ strumenti xierqa oħrajn*

*Kompatibilità mal-Qafas Finanzjarju Multiannwali*

Bħala parti mir-rieżami ta’ nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju pluriennali 2014–2020, il-kapaċità annwali tas-self tal-MFA żdiedet għal EUR 2 000 miljun. Dan l-ammont huwa biżżejjed biex ikopri din l-operazzjoni kif ukoll operazzjonijiet oħra tal-MFA li qed jiġu implimentati.

*Sinerġiji possibbli ma’ strumenti oħra tal-UE:*

L-UE hija fost id-donaturi ewlenin tal-Ġordan u tappoġġja r-riformi istituzzjonali, strutturali u ekonomiċi kif ukoll lis-soċjetà ċivili. F’dan il-kuntest, l-MFA tikkumplimenta azzjonijiet jew strumenti esterni oħra tal-UE li jintużaw biex jingħata appoġġ lill-Ġordan. Il-miżuri ta’ politika assoċjati mal-MFA jkopru dispożizzjonijiet magħżula relatati mal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni u mal-Prijoritajiet tas-Sħubija tal-UE mal-Ġordan. Hija wkoll allinjata mal-Qafas Uniku ta’ Appoġġ li jiddefinixxi l-oqsma ta’ attenzjoni tal-għajnuna bilaterali taħt l-Istrument Ewropew ta’ Viċinat għall-2014-2020.

Il-valur miżjud ewlieni tal-MFA, meta mqabbel ma’ strumenti oħrajn tal-UE, huwa li jgħin biex jinħoloq qafas makroekonomiku stabbli, inkluż billi jiġi promoss bilanċ tal-pagamenti u sitwazzjoni baġitarja sostenibbli, kif ukoll qafas xieraq għar-riformi strutturali li qed javvanzaw. L-MFA ma tipprovdix appoġġ finanzjarju regolari u trid titwaqqaf hekk kif is-sitwazzjoni finanzjarja esterna tal-pajjiż tkun reġgħet qabdet perkors sostenibbli.

L-MFA tkun ukoll kumplimentari għall-interventi previsti mill-komunità internazzjonali, b’mod partikolari għall-programm ta' aġġustament u riforma appoġġjat mill-FMI u mill-Bank Dinji.

*1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

Bl-użu ta' self, din l-operazzjoni tal-MFA żżid l-effikaċja tal-baġit tal-UE permezz tal-effett ta' ingranaġġ u tipprovdi l-aktar opzjoni kosteffiċjenti.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tissellef fondi mis-swieq kapitali kemm f'isem l-Unjoni Ewropea kif ukoll f'isem il-Euratom billi tuża l-garanzija tal-baġit tal-UE. L-għan huwa li jinkisbu fondi mis-suq bl-aħjar rati disponibbli minħabba l-istatus ta' kreditu tal-ogħla livell (klassifikat AAA minn Fitch, Moody' s u DBRS, AA minn S&P, kollha bi prospettiva stabbli) tal-UE/Euratom u mbagħad issellifhom lil mutwatarji eliġibbli fil-kuntest ta' self taħt l-EFSM, BtP, MFA u lill-proġetti tal-Euratom. It-teħid u għoti b'self jitwettqu b'operazzjoni spalla ma' spalla u dak jiżgura li l-baġit tal-UE ma jieħu l-ebda riskju marbut mar-rata tal-imgħax jew tal-kambju. Il-mira li jinkisbu fondi bl-aħjar rati disponibbli għal attivitajiet ta' għoti u teħid b'self inkisbu minħabba li dawk ir-rati huma konformi ma' ta' istituzzjonijiet pari (BEI, EFSM, u MES), kif ikkonfermat mill-QEA fl-2016.

**1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva**

☐ **durata limitata**

– Fis-seħħ għal sentejn u nofs minn meta jidħol fis-seħħ il-Memorandum ta' Qbil, kif imsemmi fl-Artikolu (1.4) tad-Deċiżjoni.

– L-impatt finanzjarju mill-2020 sal-2023 għall-approprjazzjonijiet tal-impenji u mill-2020 sal-2023 għall-approprjazzjonijiet tal-pagamenti.

**1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[14]**

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

[14] Dettalji tal-modi ta' ġestjoni u referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli dwar il-ġestjoni u r-rapportar

Din l-assistenza hija ta' natura makroekonomika u hija mfassla b'mod li tkun konsistenti mal-programm ekonomiku appoġġat mill-FMI. Il-monitoraġġ tal-azzjoni mis-servizzi tal-Kummissjoni se jseħħ fuq il-bażi tal-progress fl-implimentazzjoni tal-arranġament tal-FMI u tal-miżuri ta' riforma speċifiċi li għandhom jiġu miftiehma mal-awtoritajiet tal-Ġordan f'Memorandum ta' Qbil (ara wkoll il-punt 1.4.4) bi frekwenza li tkun konsistenti mal-għadd ta' pagamenti.

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

#### *2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, il-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, il-modalitajiet ta' pagament u l-istrateġija ta' kontroll proposta*

L-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni se jiġu implimentati taħt ġestjoni diretta mill-Kummissjoni mill-kwartieri ġenerali u bl-għajnuna tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni.

L-iżborżi tal-MFA huma dipendenti fuq rieżamijiet b'suċċess, u marbuta mat-twettiq tal-kondizzjonalità marbuta ma' kull operazzjoni. L-implimentazzjoni tal-kundizzjonijiet hija mmonitorjata mill-qrib mill-Kummissjoni, f'koordinazzjoni mill-qrib mad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni.

#### *2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbiliti għall-mitigazzjoni tagħhom*

*Riskji identifikati*

Hemm riskji fiduċjarji, politiċi kif ukoll ta' politika marbutin mal-operazzjoni tal-MFA proposta.

Hemm ir-riskju li l-assistenza makrofinanzjarja tista' tintuża b'mod qarrieqi. Peress li l-MFA mhijiex imfassla għal infiq speċifiku mill-Ġordan (għall-kuntrarju tal-finanzjament ta' proġett, pereżempju), dan ir-riskju huwa relatat ma' fatturi bħalma huma l-kwalità ġenerali tas-sistemi ta' ġestjoni fil-Bank Ċentrali tal-Ġordan u tal-Ministeru tal-Finanzi, il-proċeduri amministrattivi, il-funzjonijiet ta' kontroll u sorveljanza, is-sigurtà tas-sistemi tal-IT u l-adegwatezza tal-kapaċitajiet tal-awditjar intern u estern.

Riskju ieħor ġej mill-possibbiltà li l-Ġordan jonqos milli jonora l-obbligazzjonijiet finanzjarji lejn l-UE li jirriżultaw mis-self tal-MFA proposta (riskju ta' inadempjenza jew ta' kreditu), riskju li jista' jkun ikkawżat, pereżempju, minn deterjorament addizzjonali sinifikanti tal-bilanċ tal-pagamenti u tal-pożizzjoni fiskali tal-pajjiż.

Riskju ewlieni ieħor għall-operazzjoni jirriżulta mis-sitwazzjoni ġeopolitika reġjonali, b'mod partikolari l-kunflitt fis-Sirja, li jaġixxi bħala deterrent importanti għall-kapital privat u għall-influssi u li fixkel il-kummerċ ma' pajjiżi ġirien bħas-Sirja u l-Iraq. Sitwazzjoni ġeopolitika reġjonali li tmur għall-agħar jista' jkollha impatt negattiv fuq l-istabbiltà makroekonomika tal-Ġordan, b'effett fuq il-prestazzjoni tal-programm tal-FMI u l-iżborż u/jew ir-ripagament tal-MFA proposta. Barra minn hekk, għandna ninnotaw li l-Ġordan jibqa' skopert għal xokkijiet potenzjali taż-żejt peress li jiddependi ħafna fuq iż-żejt impurtat għall-ħtiġijiet tal-enerġija tiegħu. Barra minn hekk, ir-rati tal-imgħax tal-USD li qed jiżdiedu li d-Dinar Ġordanjan huwa marbut miegħu, iżidu l-kost tas-self estern. Fl-aħħar, id-

dipendenza tal-Ġordan fuq l-għajnuna barranija żdiedet. Għalkemm il-komunità internazzjonali impenjat ruħha li tappoġġa lill-Ġordan, il-pajjiż jeħtieġ li jkompli jattira ammonti mdaqqsa ta' għajnuna barranija sabiex ikopri l-ħtiġijiet finanzjarji tiegħu fis-snin li ġejjin.

Fuq il-front domestiku, ir-riskji ewlenin jirriżultaw mill-iskuntentizza taċ-ċittadini mill-aggravar tas-sitwazzjoni ekonomika u miż-żieda fil-qgħad. Dan jista' jirriżulta f'implimentazzjoni insuffiċjenti tar-riforma jew inkwiet popolari, kif ġara bil-bidla fil-gvern f'nofs l-2018, u għalhekk ixekkel l-implimentazzjoni tal-MFA proposta, filwaqt li jħalli impatt fuq il-progress mal-programm tal-FMI.

*Metodu/i ta' kontroll previst(i)*

L-assistenza makrofinanzjarja se tkun soġġetta għal proċeduri ta' verifika, kontroll u awditjar taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni, inkluż tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri kif previst fl-Artikolu 129 tar-Regolament Finanzjarju.

<u>*Ex-ante*:</u> Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tas-sistemi tal-ġestjoni u tal-kontroll fil-pajjiżi benefiċjarji. Għal kull pajjiż benefiċjarju ssir valutazzjoni operazzjonali *ex-ante* taċ-ċirkwiti finanzjarji u tal-ambjent tal-kontroll mill-Kummissjoni, bl-appoġġ tekniku ta' konsulenti. Jitwettqu analiżi tal-proċeduri tal-kontabbiltà, tas-segregazzjoni tad-dmirijiet u tal-awditjar intern/estern tal-bank Ċentrali u tal-Ministeru tal-Finanzi sabiex jiġi żgurat livell raġonevoli ta' żgurar ta' ġestjoni finanzjarja tajba. Jekk jiġu identifikati dgħufijiet, dawn jinqalbu f'kundizzjonijiet, li jkunu jridu jiġu implimentati qabel l-iżborż tal-assistenza. Barra minn hekk, meta jkun meħtieġ, jiġu stabbiliti arranġamenti speċifiċi għall-pagamenti (pereż. kontijiet delimitati).

<u>Matul l-implimentazzjoni:</u> Il-kontrolli mill-Kummissjoni tad-dikjarazzjonijiet perjodiċi tal-pajjiżi benefiċjarji. Il-pagament huwa soġġett għal (1) monitoraġġ mill-persunal tad-DĠ ECFIN, f'koordinazzjoni mill-qrib mad-Delegazzjonijiet tal-UE u mal-partijiet konċernati esterni, bħall-FMI, tal-implimentazzjoni tal-kundizzjonalitajiet miftiehma, u (2) il-proċedura normali ta' kontroll prevista miċ-ċirkuwitu finanzjarju (mudell 2) użata fid-DĠ ECFIN, inkluża l-verifika mill-unità finanzjarja tas-sodisfar tal-kundizzjonijiet marbuta mal-iżborż tal-assistenza msemmija hawn fuq. L-iżborż relatat ma' operazzjonijiet tal-MFA jista' jkun soġġett għal verifiki *ex post* addizzjonali u indipendenti (dokumentarji u/jew fuq il-post) minn uffiċjali tat-tim ta' kontroll *ex post* tad-DĠ. Tali verifiki jistgħu wkoll jinbdew fuq talba tal-AOSD responsabbli. Interruzzjonijiet u sospensjonijiet ta' pagamenti, korrezzjonijiet finanzjarji (implimentati mill-Kummissjoni) u rkupri jistgħu jitwettqu fejn meħtieġ (dan għadu ma seħħ qatt s'issa), u huma previsti b'mod espliċitu fil-ftehimiet ta' finanzjament mal-pajjiżi benefiċjarji.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti") u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-pagament u fl-għeluq)*

Is-sistemi tal-kontroll fis-seħħ, bħall-valutazzjonijiet operazzjonali *ex-ante* jew il-valutazzjonijiet *ex-post*, żguraw rata effettiva ta' errur għall-pagamenti tal-MFA ta' 0 %. Ma hemmx każijiet magħrufa ta' frodi, korruzzjoni jew attività illegali. L-operazzjonijiet tal-MFA għandhom loġika ċara ta' intervent, waħda li tippermetti lill-Kummissjoni tevalwa l-impatt tagħhom. Il-kontrolli jippermettu l-konferma tal-iżgurar u tal-kisba tal-objettivi u tal-prijoritajiet tal-politika.

**2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet**

Sabiex jimmitigaw ir-riskji tal-użu frodulenti ttieħdu u se jittieħdu diversi miżuri:

L-ewwel nett, il-Ftehim ta' Self se jikkonsisti f'għadd ta' dispożizzjonijiet dwar l-ispezzjoni, il-prevenzjoni tal-frodi, l-awditjar, u l-irkupru ta' fondi f'każ ta' frodi jew ta' korruzzjoni. Hu maħsub ukoll li mal-assistenza jintrabtu għadd ta' kundizzjonijiet speċifiċi ta' politika, l-aktar fil-qasam tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, bl-għan li jissaħħu l-effiċjenza, it-trasparenza u l-akkontabbiltà. Barra minn hekk, l-assistenza se titħallas f'kont speċifiku fil-Bank Ċentrali tal-Ġordan.

Barra minn hekk, f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju, is-servizzi tal-Kummissjoni se jwettqu Valutazzjoni Operazzjonali taċ-ċirkwiti finanzjarji u amministrattivi tal-Ġordan biex jiżguraw li l-proċeduri stabbiliti għall-ġestjoni tal-programm, inkluża l-MFA, jipprovdu garanziji adegwati. Il-valutazzjoni se tkopri oqsma bħalma huma t-tħejjija u l-eżekuzzjoni tal-baġit, il-kontroll finanzjarju pubbliku intern, l-awditjar intern u estern, l-akkwist pubbliku, il-ġestjoni tal-flus u d-dejn pubbliċi, kif ukoll l-indipendenza tal-bank ċentrali. Il-Valutazzjoni Operazzjonali mistennija titwettaq fl-ewwel kwart tal-2020. L-iżviluppi f'dan il-qasam se jkomplu jiġu mmonitorjati aktar mill-qrib mid-Delegazzjoni tal-UE f'Amman. Il-Kummissjoni qed tuża wkoll assistenza baġitarja biex tgħin lill-awtoritajiet Ġordanjani jtejbu s-sistemi tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi tagħhom, u dawn l-isforzi qed jiġu appoġġjati ħafna minn donaturi oħrajn.

Fl-aħħar, l-assistenza se tkun soġġetta għal proċeduri ta' verifika, kontroll u awditjar taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni, inkluż tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri kif previst fl-Artikolu 129 tar-Regolament Finanzjarju.

## 3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwati

- Linji baġitarji eżistenti

*Fl-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja Baġitarja | Type of nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff/Mhux diff[15]. | minn pajjiżi tal-EFTA[16] | minn pajjiżi kandidati[17] | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(a), tar-Regolament Finanzjarju |
| 4 | 01 03 02<br>Assistenza makrofinanzjarja | Diff. | LE | LE | LE | LE |
| 4 | 01 03 06<br>Proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija | Mhux diff. | LE | LE | LE | LE |

01 03 06 – Skont il-proposta tal-Kummissjoni, il-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni se jiġi fornut skont ir-Regolament tal-Fond[18], bl-użu tal-approprjazzjonijiet taħt il-linja baġitarja 01 03 06 ("Proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija"), b'rata ta' 9% tal-obbligazzjonijiet pendenti totali. L-ammont ta' proviżjonament huwa kkalkolat fil-bidu tas-sena "n" bħala d-differenza bejn l-ammont fil-mira u l-assi netti tal-Fond fi tmiem is-sena "n-1". Dan l-ammont ta' proviżjonament jiddaħħal fis-sena "n" fl-abbozz baġitarju "n+1" u jitħallas effettivament f'tranżazzjoni waħda fil-bidu tas-sena "n+1" mil-linja baġitarja "Proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija" (il-linja baġitarja 01 03 06). Bħala riżultat, 9 % tal-ammont effettivament żborżat se jiġi kkunsidrat fl-ammont fil-mira fi tmiem is-sena "n-1" għall-kalkolu tal-proviżjonament tal-Fond.

N.B. Taħt il-QFP l-ġdid, se jkun hemm nomenklatura baġitarja ġdida, li għadha ma ġietx adottata. L-impatt baġitarju wara l-2020 għalhekk se jaqa' fuq il-linji baġitarji suċċessuri.

15 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
16 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
17 Pajjiżi kandidati u, fejn ikun applikabbli, pajjiżi potenzjalment kandidati mill-Punent tal-Balkani.
18 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 480/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni, ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10.

### 3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

#### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljuni (sa tliet pożizzonijiet deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 4 | L-UE bħala sieħba globali |
|---|---|---|

| DĠ: ECFIN | | | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • **Approprjazzjonijiet operazzjonali**[19] | | | | | | | | |
| Linja baġitarja 01 03 06 Proviżjonament ta' Fond ta’ Garanzija | Impenji | (1) | | | | 27 | 18 | **45** |
| | Pagamenti | (2) | | | | 27 | 18 | **45** |
| Linja baġitarja 01 03 02 Assistenza Makrofinanzjarja (valutazzjoni operazzjonali u evalwazzjoni *ex-post*) | Impenji | (3) | | 0,07 | | | 0,15 | **0,22** |
| | Pagamenti | (4) | | 0,07 | | | 0,15 | **0,22** |
| **Approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għall-programmi speċifiċi**[20] | Impenji = Pagamenti | (5) | | | | | | **-** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 4** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | =1+3 | | 0,07 | | 27 | 18,15 | **45,22** |
| | Pagamenti | =2+4 | | 0,07 | | 27 | 18,15 | **45,22** |

19 Skont in-nomenklatura uffiċjali attwali tal-baġit. Mill-2021, l-impatt baġitarju se jaqa’ fuq il-linji suċċessuri fil-QFP li jmiss.

20 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'sostenn għall-implimentazzjoni ta’ programmi u/jew ta’ azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji “BA”), riċerka indiretta u riċerka diretta.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | 5 | ‘Nefqa amministrattiva’ |
|---|---|---|

EUR miljuni (sa tliet pożizzonijiet deċimali)

| | | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: ECFIN | | | | | | | |
| •Riżorsi umani | | 0,030 | 0,064 | 0,038 | 0,002 | 0,023 | **0,157** |
| • Nefqa amministrattiva oħra | | 0,010 | 0,020 | 0,010 | | | **0,040** |
| **TOTAL DĠ ECFIN** | Approprjazzjonijiet | 0,040 | 0,084 | 0,048 | 0,002 | 0,023 | **0,197** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 5** tal-qafas finanzjarju pluriennali | (Impenji totali = Pagamenti totali) | 0,040 | 0,084 | 0,048 | 0,002 | 0,023 | **0,197** |

EUR miljuni (sa tliet pożizzonijiet deċimali)

| | | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 5** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 0,040 | 0,154 | 0,048 | 27,002 | 18,173 | **45,417** |
| | Pagamenti | 0,040 | 0,154 | 0,048 | 27,002 | 18,173 | **45,417** |

### *3.2.2. Output stmat iffinanzjat b’approprjazzjonijiet operazzjonali*

Approprjazzjonijiet ta’ impenn f’miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzonijiet deċimali)

| **Indika l-objettivi u r-riżultati** | | | Year **2019** | Year **2020** | Year **2021** | Year **2022** | Sena 2023 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | **OUTPUTS** | | | | | |

| ⇩ | Tip[21] | Kost medju | LE | Kost | LE | Kost | LE | Kost | LE | Kost | LE | Kost | Nru totali | Kost totali |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1[22]… | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | Valutazzjoni jiet | | | | 1 | 0,070 | | | | | | | 1 | 0,070 |
| - Output | Proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija | | | | | | | | 2 | 27 | 1 | 18 | 3 | 45 |
| - Output | Evalwazzjoni *ex post* | | | | | | | | | | 1 | 0,150 | 1 | 0,150 |
| Sottototal għall-objettiv speċifiku Nru 1 | | | | | 1 | 0,070 | | | 2 | 27 | 2 | 18,150 | 5 | 45,22 |
| **TOTALI** | | | | | **1** | **0,070** | | | **2** | **27** | **2** | **18,150** | **5** | **45,22** |

21 L-outputs huma prodotti u servizzi li jridu jiġu fornuti (pereż.: għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

22 Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/ċi…"

### 3.2.3. *Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljuni (sa tliet pożizzonijiet deċimali)

| | Year 2019 | Year 2020 | Year 2021 | Year 2022 | Sena 2023 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **HEADING 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | |
| Riżorsi umani | 0,030 | 0,064 | 0,038 | 0,002 | 0,023 | **0,157** |
| Nefqa amministrattiva oħra | 0,010 | 0,020 | 0,010 | | | **0,040** |
| **Subtotal HEADING 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 0,040 | 0,084 | 0,048 | 0,002 | 0,023 | **0,197** |
| **Outside HEADING 5[23] tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | |
| Other expenditure ta' natura amministrattiva | | | | | | |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 5 of the multiannual financial framework** | | | | | | |
| **TOTAL** | **0,040** | **0,084** | **0,048** | **0,002** | **0,023** | **0,197** |

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti b'approprjazzjonijiet mid-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ikunu ġew ridistribwiti fid-DĠ, flimkien, jekk ikun hemm bżonn, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tad-diffikultajiet baġitarji.

23 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'sostenn għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.3.1. Stima tar-riżorsi umani meħtieġa

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*Stima li trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time*

| • | | Sena **2019** | Sena **2020** | Sena **2021** | Sena **2022** | **Sena 2023** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **•Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)** | | | | | | |
| XX 01 01 01 (Kwartieri ġenerali u Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | 0,10 | 0,25 | 0,15 | 0,01 | 0,01 |
| XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet) | | | | | | |
| XX 01 05 01/11/21 (Riċerka indiretta) | | | | | | |
| 10 01 05 01/11 (Riċerka diretta) | | | | | | |
| **• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full time: FTE)**[24] | | | | | | |
| XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali") | | 0,20 | 0,35 | 0,20 | 0,01 | 0,01 |
| XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet) | | | | | | |
| **XX** 01 04 **ss**[25] | • - fil-Kwartieri Ġenerali<br>• | | | | | |
| | • - fid-Delegazzjonijiet | | | | | |
| **XX** 01 05 02/12/22 (AC, END, INT - Riċerka indiretta) | | | | | | |
| 10 01 05 02/12 (AC, END, INT - Riċerka diretta) | | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | | |
| **TOTAL** | | **0,30** | **0,60** | **0,35** | **0,02** | **0,20** |

**XX** huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti minn persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ikun ġie ridistribwit fid-DĠ, u jekk ikun hemm bżonn, flimkien ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tad-diffikultajiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u persunal temporanju | Direttur Dir. D: Jissorvelja u jimmaniġġja l-operazzjoni, jikkoordina mal-Kunsill u l-Parlament għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni u l-approvazzjoni tal-Memorandum ta' Qbil (MtQ), jinnegozja l-MtQ mal-awtoritajiet tal-pajjiż benefiċjarju, janalizza r-rapporti, imexxi missjonijiet u jivvaluta l-progress fil-konformità mal-kundizzjonalità.<br><br>Kap tal-Unità/DKap tal-Unità Dir. D: Jassisti lid-Direttur fil-ġestjoni tal-operazzjoni, jikkoordina mal-Kunsill u mal-Parlament għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni u l-approvazzjoni tal-MtQ, jinnegozja l-MtQ u (flimkien ma' Dir. L) il-Ftehim tal-Faċilità tas-Self mal-awtoritajiet tal-pajjiż benefiċjarju, jirrevedi r-rapporti u jivvaluta l-progress fil-konformità mal-kondizzjonalità.<br><br>Ekonomisti, Settur MFA (Dir. D): Iħejju d-deċiżjoni u l-MtQ, jikkoordinaw mal- |

24 AC = Persunal Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = Persunal tal-aġenzija; JPD = Esperti Żgħażagħ fid-Delegazzjonijiet.

25 Sottolimitu massimu għall-persunal estern kopert mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

| | |
|---|---|
| | awtoritajiet u mal-IFIs, iwettqu missjonijiet ta' analiżi, jippreparaw rapporti tal-persunal tal-Kummissjoni u proċeduri tal-Kummissjoni marbuta mal-ġestjoni tal-assistenza, jikkoordinaw ma' esperti esterni għall-valutazzjoni operazzjonali u l-evalwazzjoni *ex post*.<br>Direttorat L (Unitajiet L1, L2 u L3 taħt is-superviżjoni tad-Direttur): Jipprepara l-Ftehim dwar Faċilità ta' Self (LFA), jinnegozjah mal-awtoritajiet tal-pajjiż benefiċjarju u jieħu ħsieb li jiġi approvat mis-servizzi responsabbli tal-Kummissjoni u ffirmat miż-żewġ partijiet. Isegwi d-dħul fis-seħħ tal-LFA. Iħejji d-deċiżjoni(jiet) tal-Kummissjoni dwar it-tranżazzjoni(jiet) tas-self, isegwi l-preżentazzjoni tat-Talba/iet għal Fondi, jagħżel il-banek, iħejji u jeżegwixxi t-tranżazzjoni(jiet) ta' finanzjament u jiżborża l-fondi lill-pajjiż benefiċjarju. Iwettaq attivitajiet ta' back-office biex isegwi r-rimborż tas-self. Iħejji r-rapporti korrispondenti dwar dawn l-attivitajiet. |
| Persunal estern | |

### 3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☐ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (il-QFP).

### 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☐ ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi

## 3.3. Stima tal-impatt fuq id-dħul

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva mż għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.